



Kumitat għall-Iżvilupp

2021/0104(COD)

4.3.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rapportar korporattiv sostenibbli minn ċerti impriżi
(COM(2021)0189 – C9-0147/2021 – 2021/0104(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Pierfrancesco Majorino

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiżi u t-territorji fejn dawn il-kumpaniji joperaw jippreżenta riskju għoli għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-kumpaniji għandhom rwol ewlieni x'jiżvolġu, billi jippromwovu ktajjen tal-valur u tal-provvista sostenibbli u benefiċċji għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Madankollu, aspett ewlieni għas-suċċess se jkun li l-kumpaniji jkejlu u jirrapportaw l-informazzjoni t-tajba lis-soċjetà ċivili, lill-investituri, lill-banek, u lill-assiguraturi kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra.

Id-Direttiva tal-UE dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju pprovdiet qafas legali għall-kumpaniji u għall-atturi finanzjarji biex jirrapportaw dwar l-iskoperturi għar-riskji għas-sostenibbiltà u l-impatti fuq in-nies u fuq il-pjaneta. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji jonqsu milli jiddivulgaw informazzjoni rilevanti, materjali u komparabbli dwar is-sostenibbiltà.

Il-proposta tal-KE għandha l-għan li tirrifirma dan il-qafas. Din se tiċċara l-kunċetti u l-informazzjoni li għandhom jiġu ddivulgati mill-kumpaniji. Din iċ-ċarezza hija essenzjali għan-negozji Ewropej li joperaw barra minn pajjiżhom f'pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex tgħin biex jiġi żgurat li la jikkawżaw, la jikkontribwixxu u lanqas ikomplu jkunu marbuta ma' ħsarat li jinħolqu fl-operazzjonijiet globali tagħhom u fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur u tgħinhom jevitaw riskji għar-reputazzjoni u għall-konsegwenzi finanzjarji tagħhom.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta, li għandha l-potenzjal li jkollha impatti pożittivi fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn joperaw il-kumpaniji u l-ktajjen tal-valur tagħhom u fejn, sfortunatament, iseħħu l-biċċa l-kbira tal-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent mill-attivitajiet tal-kumpaniji.

Ir-rapporteur iqis li huwa meħtieġ li tiġi inkorporata sensitività akbar fir-rigward tal-impatti ta' din id-Direttiva fuq l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Tabilħaqq, l-obbligu ta' rapportar dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà se jżid l-għarfien tal-kumpanija dwar ir-rwol pożittiv li jistgħu jiżvolġu u l-impatt pożittiv potenzjali li jista' jkollhom fuq l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn joperaw. Il-kumpaniji li jirrapportaw dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jistgħu jsiru inċentiv ewlieni għall-gvernijiet biex jadottaw politiki u leġiżlazzjoni, filwaqt li jirrifirmaw l-istituzzjonijiet ħalli jikkonformaw mal-istandards u r-rekwiżiti internazzjonali u Ewropej.

Il-proposta se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-livell globali u, b'mod aktar speċifiku, għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi Ewropej ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni ambjentali, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba.

L-emendi mressqa għandhom l-għan li jsaħħu s-sensittività tad-Direttiva dwar l-impatti fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. B'dan il-mod, aħna niżguraw li, il-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208(1) tat-TFUE jitqies kif xieraq.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għandhom ikopru

wkoll ir-rispett għall-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiż fejn joperaw il-kumpanija u l-ktajjen tal-provvista tagħha u li d-Direttiva għandha tapplika għat-tipi kollha ta' impriżi inklużi t-tipi kollha ta' impriżi żgħar ta' daqs medju, impriżi sussidjarji u gruppi ta' impriżi. Huwa tabilħaqq essenzjali li jiġu evitati omissjonijiet u lakuni possibbli li jistgħu jfixklu t-trasparenza u kundizzjonijiet ekwi.

Se jkun kruċjali li jiġu identifikati l-aktar oqsma ta' attività b'riskju għoli, permezz ta' atti delegati tal-Kummissjoni. Dawn is-setturi għandhom jingħataw prijorità peress li l-impatti negattivi huma akbar u aktar probabbli.

Ir-rapporteur iqis li huwa importanti li jiġi żgurat li d-deskrizzjoni tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tinkludi deskrizzjoni tal-impatti negattivi u tar-riskji fuq kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u li dawn jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU. Il-proċess ta' diliġenza dovuta ġie spjegat ukoll bl-aktar informazzjoni rilevanti u konċiża.

Sabiex jintrabtu aħjar id-diliġenza dovuta u r-riskji ta' impatt negattiv fuq l-impjegati, hija meħtieġa informazzjoni siewja dwar il-fatturi soċjali u ta' governanza. Fl-istess ħin, ir-rapportar għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatti potenzjali fuq l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiż, tar-reġjun jew tat-territorju fejn topera l-impriża jew il-valur u l-katina tal-provvista tagħha.

Qed jiġu ssuġġeriti sanzjonijiet amministrattivi ġodda. Dawn jiffukaw fuq il-possibbiltà li jintilfu l-benefiċċji pubbliċi u l-għajjnuna pubblika u għandhom l-għan li jtejbu l-infurzar tad-Direttiva mill-Istati Membri.

Ġie propost ukoll Artikolu ġdid dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jappoġġja r-rabta aħjar tal-implimentazzjoni tad-Direttiva ma' dak li jiġri fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

wara li kkunsidra l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp skont l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew adottata fil-11 ta' Diċembru 2019³⁰, il-Kummissjoni Ewropea ħadet impenn li tirrieżamina d-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar mhux finanzjarju tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni.³¹ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija l-għdida tal-Unjoni Ewropea għat-tkabbir. Għandu l-għan li jittrasforma l-Unjoni f'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva mingħajr emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2050. Għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jissepara t-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi, u li jiżgura li r-reġjuni u ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jipparteċipaw fi tranżizzjoni soċjalment ġusta għal sistema ekonomika sostenibbli. Se jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' bini ta' ekonomija li taħdem għan-nies, filwaqt li jgħin sabiex jiġi żgurat li tkun lesta għall-futur u li twassal għal stabbiltà, għal impjiegi, għal tkabbir u għal investment. Dawn l-għanijiet huma partikolarment importanti meta jitqiesu l-ħsara soċjoekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u l-ħtieġa għal irkupru sostenibbli, inklużiv u ġust. Fil-proposta tagħha tal-4 ta' Marzu 2020 għal Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li l-oġġettiv tan-newtralità klimatika jsir vinkolanti fl-Unjoni sal-2050³².

³⁰ COM(2019) 640 final.

Emenda

(1) Fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew adottata fil-11 ta' Diċembru 2019³⁰, il-Kummissjoni Ewropea ħadet impenn li tirrieżamina d-dispożizzjonijiet dwar ir-rapportar mhux finanzjarju tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni.³¹ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija l-għdida tal-Unjoni Ewropea għat-tkabbir. Għandu l-għan li jittrasforma l-Unjoni f'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva mingħajr emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2050. Għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jissepara t-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi, u li jiżgura li r-reġjuni u ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jipparteċipaw fi tranżizzjoni soċjalment ġusta għal sistema ekonomika sostenibbli, ***biex ħadd u mkien ma jūthalla jibqa' lura***. Se jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' bini ta' ekonomija li taħdem għan-nies, filwaqt li jgħin sabiex jiġi żgurat li tkun lesta għall-futur u li twassal għal stabbiltà, għal impjiegi, għal tkabbir u għal investment ***sostenibbli***. Dawn l-għanijiet huma partikolarment importanti meta jitqiesu l-ħsara soċjoekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u l-ħtieġa għal irkupru sostenibbli, inklużiv u ġust. Fil-proposta tagħha tal-4 ta' Marzu 2020 għal Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li l-oġġettiv tan-newtralità klimatika jsir vinkolanti fl-Unjoni sal-2050³².

³⁰ COM(2019) 640 final.

³¹ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

³² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") [2020/0036(COD)]

³¹ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

³² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") [2020/0036(COD)].

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Fil-25 ta' Settembru 2015, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat qafas globali ġdid għall-iżvilupp sostenibbli: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-"Aġenda 2030"). L-Aġenda 2030 għandha fil-qalba tagħha l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u tkopri t-tliet dimensjonijiet ta' sostenibbiltà: dik ekonomika, dik soċjali u dik ambjentali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-passi li jmiss għal futur Ewropew sostenibbli torbot l-SDGs mal-qafas ta' politika tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet u l-inizjattivi ta' politika kollha tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-livell dinji, jieħdu inkonsiderazzjoni l-SDGs mill-bidu nett⁴⁵. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017 il-Kunsill ikkonferma l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 b'mod sħiħ, koerenti, komprensiv, integrat u effettiv,

Emenda

(5) Fil-25 ta' Settembru 2015, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat qafas globali ġdid għall-iżvilupp sostenibbli: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-"Aġenda 2030"). L-Aġenda 2030 għandha fil-qalba tagħha l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u tkopri t-tliet dimensjonijiet ta' sostenibbiltà: dik ekonomika, dik soċjali u dik ambjentali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 dwar il-passi li jmiss għal futur Ewropew sostenibbli torbot l-SDGs mal-qafas ta' politika tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet u l-inizjattivi ta' politika kollha tal-Unjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-livell dinji, jieħdu inkonsiderazzjoni l-SDGs mill-bidu nett⁴⁵. ***Dik il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom impatt sinifikanti fuq il-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) madwar id-dinja u li l-impatt tal-***

f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab u partijiet ikkonċernati oħrajn⁴⁶.

Unjoni lil hinn mill-fruntieri tagħha mhuwiex limitat għall-aġenda ta' azzjoni esterna tagħha. Ħafna mill-politiki tal-Unjoni b'dimensjoni interna jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-SDGs madwar id-dinja. Għalhekk, il-koerenza fil-politiki kollha tal-Unjoni hija kruċjali biex jintlaħqu l-SDGs. Il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp tikkostitwixxi element essenzjali tar-risposta tal-Unjoni għall-isfida tal-iżvilupp sostenibbli stabbilita fit-Trattati. F'konformità ma' dan l-obbligu legali, kif minqux fl-Artikolu 208 tat-TFUE, l-Unjoni jenħtieġ li tqis l-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li x'aktarx jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan il-prinċipju ġie rikonoxxut ukoll fir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{45a}. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017 il-Kunsill ikkonferma l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 b'mod sħiħ, koerenti, komprensiv, integrat u effettiv, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab u partijiet ikkonċernati oħrajn⁴⁶.

⁴⁵ COM(2016) 739 final

⁴⁵ COM(2016) 739 final

⁴⁶ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: Tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", l-20 ta' Ġunju 2017.

⁴⁶ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: Tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", l-20 ta' Ġunju 2017.

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Ħafna partijiet ikkonċernati jqisu li t-terminu "mhux finanzjarju" mhuwiex preċiż, b'mod partikolari minħabba li jimplika li l-informazzjoni inkwistjoni ma għandhiex rilevanza finanzjarja. Madankollu, u dejjem aktar, l-informazzjoni inkwistjoni għandha rilevanza finanzjarja. Ħafna organizzazzjonijiet, inizjattivi u prattikanti f'dan il-qasam jirreferu għall-informazzjoni dwar is-"sostenibbiltà". Għalhekk, huwa preferibbli li jintuża t-terminu "informazzjoni dwar is-sostenibbiltà" minflok "informazzjoni mhux finanzjarja". Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2013/34/UE tiġi emendata sabiex tqis dan it-tibdil fit-terminoloġija.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Il-benefiċjarji finali ta' rapportar aħjar dwar is-sostenibbiltà mill-impriżi huma ċ-ċittadini individwali u l-faddala. Il-faddala li jridu jinvestu b'mod sostenibbli se jkollhom l-opportunità li jagħmlu dan, filwaqt li ċ-ċittadini kollha jenħtieġ li jibbenefikaw minn sistema ekonomika stabbli, sostenibbli u inklużiva. Sabiex jinkisbu dawn il-benefiċċji, l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà ddivulgata fir-rapporti annwali tal-impriżi l-ewwel trid tilħaq *żewġ* gruppi primarji ("utenti"). L-ewwel grupp ta' utenti jikkonsisti fl-investituri, li

Emenda

(7) Ħafna partijiet ikkonċernati jqisu li t-terminu "mhux finanzjarju" mhuwiex preċiż, b'mod partikolari minħabba li jimplika li l-informazzjoni inkwistjoni ma għandhiex rilevanza finanzjarja. Madankollu, u dejjem aktar, l-informazzjoni inkwistjoni għandha rilevanza finanzjarja. Ħafna organizzazzjonijiet, inizjattivi u prattikanti f'dan il-qasam jirreferu għall-informazzjoni dwar is-"sostenibbiltà". Għalhekk, huwa preferibbli li jintuża t-terminu "informazzjoni dwar is-sostenibbiltà" minflok "informazzjoni mhux finanzjarja". Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2013/34/UE tiġi emendata sabiex tqis dan it-tibdil fit-terminoloġija *u tallinja l-istandards ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà mal-istandards ta' rapportar finanzjarju.*

Emenda

(8) Il-benefiċjarji finali ta' rapportar aħjar dwar is-sostenibbiltà mill-impriżi huma *l-awtoritajiet pubbliċi*, iċ-ċittadini individwali u l-faddala. *Dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom bżonn din l-informazzjoni għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi, u b'mod partikolari għall-ħarsien tad-drittijiet tan-nies u l-ambjent, l-obbligu ta' rendikont tal-impriżi għall-impatti tagħhom u t-tweġġ ta' tranżizzjoni soċjali u ambjentali ġusta.* Il-faddala li jridu jinvestu b'mod

jinkludu l-manigera tal-assi, li jridu jifhmu aħjar ir-riskji u l-opportunitajiet li l-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà joħolqu għall-investimenti tagħhom u ***l-impatti*** ta' dawk l-investimenti fuq in-nies u fuq l-ambjent. ***It-tieni*** grupp ta' utenti jikkonsisti fl-organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi ***u*** sħab soċjali, li jixtiequ jżommu lill-impriżi aktar responsabbli għall-impatti tagħhom fuq in-nies u fuq l-ambjent. Partijiet ikkonċernati oħrajn jistgħu jagħmlu użu wkoll mill-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà ddivulgata fir-rapporti annwali. Is-sħab kummerċjali tal-impriżi, inklużi l-klijenti, jistgħu jiddependu fuq din l-informazzjoni sabiex jifhmu, u fejn meħtieġ jirrapportaw dwar, ir-riskji u l-impatti għas-sostenibbiltà permezz tal-ktajjen tal-valur tagħhom stess. Dawk li jfasslu l-politika u l-aġenziji ambjentali jistgħu jużaw tali informazzjoni, b'mod partikolari fuq bażi aggregata, sabiex jimmonitorjaw ***ix-xejriet*** ambjentali u soċjali, sabiex jikkontribwixxu għall-kontinwazzjoni ambjentali, u sabiex jinformat il-linji politiċi pubbliċi. Ftit ċittadini individwali u konsumaturi jikkonsultaw direttament ir-rapporti tal-impriża, iżda jistgħu jużaw tali informazzjoni indirettament bħal meta jikkunsidraw il-parir jew l-opinjoni ta' konsulenti finanzjarji jew ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Ħafna investituri u manigera tal-assi jixtru informazzjoni dwar is-sostenibbiltà minn fornituri tad-data ta' partijiet terzi, li jiġbru informazzjoni minn diversi sorsi, inklużi rapporti korporattivi pubbliċi.

sostenibbli se jkollhom l-opportunità li jagħmlu dan, filwaqt li ċ-ċittadini kollha jenħtieġ li jibbenefikaw minn sistema ekonomika stabbli, ***trasparenti***, sostenibbli u inklużiva. Sabiex jinkisbu dawn il-benefiċċji, l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà ddivulgata fir-rapporti annwali tal-impriżi l-ewwel trid tilħaq ***tliet*** gruppi primarji ("utenti"). L-ewwel grupp ta' utenti jikkonsisti ***f'dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet pubbliċi. It-tieni grupp ta' utenti jikkonsisti*** fl-investituri, li jinkludu l-manigera tal-assi, li jridu jifhmu aħjar ir-riskji u l-opportunitajiet li l-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà joħolqu ***għar-reputazzjoni u*** għall-investimenti tagħhom u l-impatti ta' dawk l-investimenti fuq in-nies, ***b'mod partikolari l-ħaddiema u l-komunitajiet lokali***, u fuq l-ambjent. ***It-tielet*** grupp ta' utenti jikkonsisti ***fl-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, sħab soċjali, popli indiġeni u komunitajiet lokali li jkunu*** jixtiequ jżommu lill-impriżi aktar responsabbli għall-impatti tagħhom fuq in-nies u fuq l-ambjent. Partijiet ikkonċernati oħrajn jistgħu jagħmlu użu wkoll mill-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà ddivulgata fir-rapporti annwali ***biex titrawwem il-komparabbiltà fis-setturi tas-suq kollha fuq il-bażi ta' mertu ambjentali u l-entitajiet korporattivi jenħtieġ li jddivulgaw il-livell sa liema jikkontribwixxu għall-attivitajiet ekonomiċi li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 dwar it-Tassonomija Finanzjarja Sostenibbli u jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.*** Is-sħab kummerċjali tal-impriżi, inklużi l-klijenti, jistgħu jiddependu fuq din l-informazzjoni sabiex jifhmu, u fejn meħtieġ jirrapportaw dwar, ir-riskji u l-impatti għas-sostenibbiltà permezz tal-ktajjen ***tal-provvista u tal-***

valur tagħhom stess. **L-esperti**, dawk li jfasslu l-politika, **is-sħab soċjali**, **l-organizzazzjonijiet mhux governattivi** u l-aġenziji ambjentali jistgħu jużaw tali informazzjoni, b'mod partikolari fuq bażi aggregata, sabiex jimmonitorjaw, **jivverifikaw u jqabblu x-xejriet u d-data** ambjentali, **klimatiċi** u soċjali, sabiex jikkontribwixxu għall-kontinwazzjoni ambjentali **u l-progress soċjali** u sabiex jinformaw il-linji politiċi pubbliċi. Ftit ċittadini individwali u konsumaturi jikkonsultaw direttament ir-rapporti tal-impriża, iżda jistgħu jużaw tali informazzjoni indirettament bħal meta jikkunsidraw il-parir jew l-opinjoni ta' konsulenti finanzjarji jew ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Ħafna investituri u maniġers tal-assi jixtru informazzjoni dwar is-sostenibbiltà minn fornituri tad-data ta' partijiet terzi, li jiġbru informazzjoni minn diversi sorsi, inklużi rapporti korporattivi pubbliċi.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Kien hemm żieda sinifikanti ħafna fid-domanda għal informazzjoni dwar is-sostenibbiltà korporattiva f'dawn l-aħħar snin, speċjalment min-naħa tal-komunità tal-investment. Dik iż-żieda fid-domanda hija xprunata min-natura li qed tinbidel tar-riskji għall-impriżi u mis-sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-investituri dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dawn ir-riskji. Dan huwa partikolarment il-każ għal riskji finanzjarji relatati mal-klima. Is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji għall-impriżi u għall-investimenti li jirriżultaw minn kwistjonijiet ambjentali oħrajn u minn kwistjonijiet soċjali, li jinkludu kwistjonijiet tas-saħħa, qed tikber ukoll. Iż-żieda fid-domanda għal informazzjoni

Emenda

(9) Kien hemm żieda sinifikanti ħafna fid-domanda għal informazzjoni dwar is-sostenibbiltà korporattiva f'dawn l-aħħar snin, speċjalment min-naħa tal-komunità tal-investment **u s-soċjetà ċivili**. Dik iż-żieda fid-domanda hija xprunata min-natura li qed tinbidel tar-riskji għall-impriżi u mis-sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-investituri dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dawn ir-riskji. Dan huwa partikolarment il-każ għal riskji finanzjarji relatati mal-klima. Is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji għall-impriżi u għall-investimenti li jirriżultaw minn kwistjonijiet ambjentali oħrajn, **partikolarment b'rabta mal-klima u l-bijodiversità**, u minn kwistjonijiet soċjali,

dwar is-sostenibbiltà hija xprunata wkoll mit-tkabbir fil-prodotti ta' investment li espliċitament ifittxu li jissodisfaw ċerti standards ta' sostenibbiltà jew li jilhqgħu ċerti objettivi ta' sostenibbiltà. Parti minn dik iż-żieda hija l-konsegwenza loġika tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni adottata qabel, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2019/2088 u r-Regolament (UE) 2020/852. Parti miż-żieda kienet isseħħ xorta waħda, minħabba s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, il-preferenzi tal-konsumaturi u l-prattiki tas-suq li qed jinbidlu malajr. Il-pandemija tal-COVID-19 se tkompli taċċellera ż-żieda fil-ħtiġijiet tal-informazzjoni tal-utenti, b'mod partikolari peress li kixfet il-vulnerabbiltajiet tal-ħaddiema u **tal-ktajjen** tal-valur tal-impriża. L-informazzjoni dwar l-impatti ambjentali hija rilevanti wkoll fil-kuntest tal-mitigazzjoni ta' pandemiji futuri b'disturb uman tal-ekosistemi dejjem aktar marbut mal-okkorrenza u mat-tixrid tal-mard.

li jinkludu kwistjonijiet tas-saħħa, qed tikber ukoll. Iż-żieda fid-domanda għal informazzjoni dwar is-sostenibbiltà hija xprunata wkoll mit-tkabbir fil-prodotti ta' investment li espliċitament ifittxu li jissodisfaw ċerti standards ta' sostenibbiltà jew li jilhqgħu ċerti objettivi ta' sostenibbiltà, **f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, partikolarment fir-rigward tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika**. Parti minn dik iż-żieda hija l-konsegwenza loġika tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni adottata qabel, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2019/2088 u r-Regolament (UE) 2020/852. Parti miż-żieda kienet isseħħ xorta waħda, minħabba s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, il-preferenzi tal-konsumaturi u l-prattiki tas-suq li qed jinbidlu malajr. Il-pandemija tal-COVID-19 se tkompli taċċellera ż-żieda fil-ħtiġijiet tal-informazzjoni tal-utenti, b'mod partikolari peress li kixfet il-vulnerabbiltajiet tal-ħaddiema u **tad-diliġenza dovuta tul il-ktajjen tal-provvista** u tal-valur tal-impriża. L-informazzjoni dwar l-impatti ambjentali hija rilevanti wkoll fil-kuntest tal-mitigazzjoni ta' pandemiji futuri b'disturb uman tal-ekosistemi dejjem aktar marbut mal-okkorrenza u mat-tixrid tal-mard.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-impriżi nfushom jistgħu jibbenefikaw mit-twettiq ta' rapportar ta' kwalità għolja dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. It-tkabbir fl-għadd ta' prodotti ta' investment li għandhom l-għan li jsegwu objettivi ta' sostenibbiltà jfisser li rapportar tajjeb ta' sostenibbiltà jista' jtejjeb l-aċċess ta' impriża għall-kapital finanzjarju. Ir-rapportar dwar is-

Emenda

(10) L-impriżi nfushom jistgħu jibbenefikaw mit-twettiq ta' rapportar ta' kwalità għolja dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. It-tkabbir fl-għadd ta' prodotti ta' investment li għandhom l-għan li jsegwu objettivi ta' sostenibbiltà jfisser li rapportar tajjeb ta' sostenibbiltà jista' jtejjeb l-aċċess ta' impriża għall-kapital finanzjarju, **iżid il-valwazzjoni tas-suq**

sostenibbiltà jista' jgħin lill-impriżi jidentifikaw u jimmaniġġjaw ir-riskji u l-opportunitajiet tagħhom stess relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. Dan jista' jipprovdi bażi għal dialogu u għal komunikazzjoni aħjar bejn l-impriżi u l-partijiet ikkonċernati tagħhom, u jista' jgħin lill-impriżi jtejbju r-reputazzjoni tagħhom.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fin-nuqqas ta' azzjoni politika, id-distakk bejn il-ħtiġijiet tal-informazzjoni tal-utenti u l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà rrapportata mill-impriżi huwa mistenni li jikber. Dan id-distakk għandu konsegwenzi negattivi sinifikanti. L-investituri ma jistgħux iqisu biżżejjed ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mas-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom. L-aggregazzjoni ta' diversi deċiżjonijiet ta' investment li ma jqisux b'mod adegwat ir-riskji relatati mas-sostenibbiltà għandha l-potenzjal li toħloq riskji sistemiċi li jheddu l-istabbiltà finanzjarja. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja ġibdu l-attenzjoni lejn dawk ir-riskji sistemiċi, b'mod partikolari fil-każ tal-klima. L-investituri huma wkoll anqas kapaċi jidderieġu r-riżorsi finanzjarji lejn l-impriżi u l-attivitajiet ekonomiċi li jindirizzaw u li ma jaggravawx il-problemi soċjali u ambjentali, u dan jimmina l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-sħab soċjali, il-komunitajiet affettwati mill-attivitajiet tal-impriżi, u

tagħha u jattira l-investituri. Ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà jista' jgħin lill-impriżi jidentifikaw u jimmaniġġjaw ir-riskji u l-opportunitajiet tagħhom stess relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. Dan jista' jipprovdi bażi għal dialogu u għal komunikazzjoni aħjar bejn l-impriżi u l-partijiet ikkonċernati tagħhom, u jista' jgħin lill-impriżi jtejbju r-reputazzjoni tagħhom ***billi jżid l-obbligu ta' rendikont tagħhom u jsaħħaħ il-fiduċja fihom.***

Emenda

(12) Fin-nuqqas ta' azzjoni politika, id-distakk bejn il-ħtiġijiet tal-informazzjoni tal-utenti u l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà rrapportata mill-impriżi huwa mistenni li jikber. Dan id-distakk għandu konsegwenzi negattivi sinifikanti. L-investituri ma jistgħux iqisu biżżejjed ir-riskji u l-opportunitajiet relatati mas-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom. L-aggregazzjoni ta' diversi deċiżjonijiet ta' investment li ma jqisux b'mod adegwat ir-riskji relatati mas-sostenibbiltà għandha l-potenzjal li toħloq riskji sistemiċi li jheddu l-istabbiltà finanzjarja. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja ġibdu l-attenzjoni lejn dawk ir-riskji sistemiċi, b'mod partikolari fil-każ tal-klima. L-investituri huma wkoll anqas kapaċi jidderieġu r-riżorsi finanzjarji lejn l-impriżi u l-attivitajiet ekonomiċi li jindirizzaw u li ma jaggravawx il-problemi soċjali u ambjentali, u dan jimmina l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli, ***l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u l-Konvenzjoni dwar il-Diversità Bijoloġika.***

partijiet ikkonċernati oħrajn huma anqas kapaċi jżommu lill-impriżi responsabbli għall-impatti tagħhom fuq in-nies **u** fuq l-ambjent. Dan johlq defiċit fir-responsabbiltà, u jista' jikkontribwixxi għal livelli aktar baxxi ta' fiduċja taċ-ċittadini fin-negozji, u dan jista' jkollu impatti negattivi fuq il-funzjonament effiċjenti tal-ekonomija soċjali tas-suq. In-nuqqas ta' metrika u ta' metodi ġeneralment aċċettati għall-kejl, għall-valwazzjoni u għall-immaniġġjar tar-riskji relatati mas-sostenibbiltà huwa wkoll ostaklu għall-isforzi tal-impriżi sabiex jiżguraw li l-mudelli u l-attivitajiet kummerċjali tagħhom ikunu sostenibbli.

L-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-sħab soċjali, il-komunitajiet affettwati mill-attivitajiet tal-impriżi, u partijiet ikkonċernati oħrajn huma anqas kapaċi jżommu lill-impriżi responsabbli għall-impatti **negattivi** tagħhom fuq in-nies, **fuq id-drittijiet tal-bniedem**, fuq l-ambjent, **inklużi l-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi terzi, u fuq l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba, inkluż fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn l-istituzzjonijiet kostituzzjonalment inkarigati mid-difża u l-protezzjoni ta' dawk l-organizzazzjonijiet, is-sħab soċjali, il-komunitajiet u partijiet ikkonċernati oħra huma mdgħajfa**. Dan johlq defiċit fir-responsabbiltà, u jista' jikkontribwixxi għal livelli aktar baxxi ta' fiduċja taċ-ċittadini fin-negozji, u dan jista' jkollu impatti negattivi fuq il-funzjonament effiċjenti tal-ekonomija soċjali tas-suq. In-nuqqas ta' metrika u ta' metodi ġeneralment aċċettati għall-kejl, għall-valwazzjoni u għall-immaniġġjar tar-riskji relatati mas-sostenibbiltà huwa wkoll ostaklu għall-isforzi tal-impriżi sabiex jiżguraw li l-mudelli u l-attivitajiet kummerċjali tagħhom ikunu sostenibbli. **In-nuqqas ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà jillimita wkoll il-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-atturi tas-soċjetà ċivili, it-trade unions, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, li jidħlu fi djalogu ma' impriżi dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà.**

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE japplikaw għal entitajiet kbar ta' interess pubbliku b'għadd medju ta' impjegati li jaqbeż il-500, u għal entitajiet ta' interess pubbliku li huma

Emenda

(15) L-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE japplikaw għal entitajiet kbar ta' interess pubbliku b'għadd medju ta' impjegati li jaqbeż il-500, u għal entitajiet ta' interess pubbliku li huma

impriżi omm ta' grupp kbir b'għadd medju ta' impjegati li jaqbeż il-500 fuq bażi kkonsolidata, rispettivament. Fid-dawl tat-tkabbir tal-ħtiġijiet tal-utenti għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, jenħtieġ li aktar kategoriji ta' impriżi jsiru meħtieġa jirrapportaw tali informazzjoni. Għalhekk huwa xieraq li l-impriżi l-kbar kollha u l-impriżi kollha elenkati fis-swieq regolati, minbarra l-impriżi mikro, jintalbu jirrapportaw informazzjoni dettaljata dwar is-sostenibbiltà. Barra minn hekk, l-impriżi kollha li huma impriżi omm ta' gruppi kbar jenħtieġ li jħejju r-rapportar dwar is-sostenibbiltà fil-livell tal-grupp.

impriżi omm ta' grupp kbir b'għadd medju ta' impjegati li jaqbeż il-500 fuq bażi kkonsolidata, rispettivament. Fid-dawl tat-tkabbir tal-ħtiġijiet tal-utenti għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, jenħtieġ li aktar kategoriji ta' impriżi jsiru meħtieġa jirrapportaw tali informazzjoni. Għalhekk huwa xieraq li l-impriżi l-kbar kollha u l-impriżi kollha elenkati fis-swieq regolati, minbarra l-impriżi mikro, ***l-entitajiet ta' interess pubbliku kollha kif ukoll l-impriżi żgħar u medji kollha li joperaw f'setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli***, jirrapportaw informazzjoni dettaljata dwar is-sostenibbiltà. Barra minn hekk, l-impriżi kollha li huma impriżi omm ta' gruppi kbar jenħtieġ li jħejju r-rapportar dwar is-sostenibbiltà fil-livell tal-grupp ***abbażi ta' rapporti individwali minn impriżi sussidjarji. L-impriżi stabbiliti barra l-Unjoni iżda li joperaw fis-sug intern jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess obbligi sabiex jitqies l-impatt tagħhom f'termini ta' sostenibbiltà u jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi għall-impriżi stabbiliti fl-Unjoni.***

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Jenħtieġ li titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-impriżi li, għalkemm ma jkollhom l-ebda stabbiliment legali fl-Unjoni, jinvolvu ruħhom regolarment f'attività ekonomika sinifikanti fl-Unjoni. L-obbligu li l-impriżi li jkunu stabbiliti f'pajjiżi terzi u joperaw fl-Unjoni jiddivulgaw ukoll informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà huwa neċessarju biex titqies il-ħtieġa tal-utenti, tal-konsumaturi u tal-investituri Ewropej li jaċċedu għall-informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà li huma marbuta mal-

attivitajiet tagħhom. Huwa neċessarju wkoll sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku bejn impriżi stabbiliti fl-Unjoni u impriżi ta' pajjiżi terzi.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Ir-rekwiżit li anki impriżi kbar mhux elenkati jenħtieġ li jiddivulgaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà huwa prinċipalment xprunat mit-tħassib dwar l-impatti u r-responsabbiltà ta' tali impriżi, inkluż permezz tal-katina tal-valur tagħhom. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-impriżi ***l-kbar*** kollha jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti li jirrapportaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà pubblikament. Barra minn hekk, il-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġu wkoll informazzjoni minn ***dawk l-impriżi l-kbar*** mhux elenkati.

Emenda

(16) Ir-rekwiżit li anki impriżi kbar mhux elenkati jenħtieġ li jiddivulgaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà huwa prinċipalment xprunat mit-tħassib dwar l-impatti u r-responsabbiltà ta' tali impriżi, inkluż permezz tal-katina ***tal-provvista u*** tal-valur tagħhom. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-impriżi kollha jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti li jirrapportaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà pubblikament ***biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi***. Barra minn hekk, il-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġu wkoll informazzjoni minn ***impriżi*** mhux elenkati.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Ir-rekwiżit li anki l-impriżi mhux stabbiliti fl-Unjoni iżda b'titoli elenkati fi swieq regolati ***jkunu meħtieġ*** jiddivulgaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji għal informazzjoni mingħand tali impriżi sabiex jifhmu r-riskji u l-impatti tal-investimenti tagħhom, u sabiex tinżamm konformità mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti

Emenda

(17) Ir-rekwiżit li anki l-impriżi mhux stabbiliti fl-Unjoni iżda b'titoli elenkati fi swieq regolati ***jew li jagħmlu negozju fis-suq intern ikunu meħtieġa*** jiddivulgaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji għal informazzjoni mingħand tali impriżi sabiex jifhmu r-riskji u l-impatti tal-investimenti tagħhom, u sabiex tinżamm konformità mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Meta titqies ir-rilevanza dejjem akbar tar-riskji relatati mas-sostenibbiltà u filwaqt li jitqies li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) elenkati fi swieq regolati jinkludu proporzjon sinifikanti tal-impriżi elenkati kollha fl-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investitur huwa xieraq li jkun meħtieġ li dawk l-SMEs jiddivulgaw ukoll informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. L-introduzzjoni ta' dan ir-rekwiżit tgħin sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jkunu jistgħu jinkludu l-impriżi elenkati iżgħar fil-portafolli ta' investiment fuq il-bażi li jirrapportaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li jeħtieġu l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Għalhekk, tgħin sabiex tiproteġi u ttejjeb l-aċċess ta' impriżi iżgħar elenkati għall-kapital finanzjarju, u tevita d-diskriminazzjoni kontra tali impriżi min-naħa tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. L-introduzzjoni ta' dan ir-rekwiżit hija meħtieġa wkoll sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu mingħand l-impriżi destinatariji ta' investiment sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni dwar is-sostenibbiltà tagħhom stess stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2088. Madankollu, l-SMEs elenkati fis-swieq regolati jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien sabiex iħejju għall-applikazzjoni tar-rekwiżit li jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, minħabba d-daqs iżgħar u r-riżorsi aktar limitati tagħhom, u filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi ekonomiċi diffiċli

Emenda

(18) Meta titqies ir-rilevanza dejjem akbar tar-riskji relatati mas-sostenibbiltà u filwaqt li jitqies li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) elenkati fi swieq regolati jinkludu proporzjon sinifikanti tal-impriżi elenkati kollha fl-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investitur ***kif ukoll id-diliġenza dovuta fir-rigward tal-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba***, huwa xieraq li jkun meħtieġ li dawk l-SMEs jiddivulgaw ukoll informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. ***Huwa xieraq ukoll li l-SMEs kollha li joperaw f'setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli, definiti bħala dawk is-setturi li għandhom impatt sinifikanti fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent u l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba, ikunu obbligati jwettqu rapportar dwar is-sostenibbiltà.*** L-introduzzjoni ta' dan ir-rekwiżit tgħin sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jkunu jistgħu jinkludu l-impriżi elenkati iżgħar fil-portafolli ta' investiment fuq il-bażi li jirrapportaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li jeħtieġu l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Għalhekk, tgħin sabiex tiproteġi u ttejjeb l-aċċess ta' impriżi iżgħar elenkati għall-kapital finanzjarju, u tevita d-diskriminazzjoni kontra tali impriżi min-naħa tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. L-introduzzjoni ta' dan ir-rekwiżit hija meħtieġa wkoll sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu mingħand l-impriżi destinatariji ta' investiment sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti

maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19. Huma jenħtieġ ukoll li jingħataw il-possibbiltà li jirrapportaw skont standards li huma proporzjonati mal-kapaċitajiet u mar-riżorsi tal-SMEs. Anki l-SMEs mhux elenkati jistgħu jagħżlu li jużaw dawn l-istandards proporzjonati fuq bażi volontarja. L-istandards tal-SMEs se jistabilixxu referenza għall-impriżi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fir-rigward tal-livell ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li jistgħu jitolbu b'mod raġonevoli mingħand il-fornituri SMEs u mingħand il-klijenti fil-ktajjen tal-valur tagħhom.

ta' divulgazzjoni dwar is-sostenibbiltà tagħhom stess stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2088. Madankollu, l-SMEs elenkati fis-swieq regolati jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien sabiex iħejju għall-applikazzjoni tar-rekwiżit li jirrapportaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, minħabba d-daqs iżgħar u r-riżorsi aktar limitati tagħhom, u filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi ekonomiċi diffiċli maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19. Huma jenħtieġ ukoll li jingħataw il-possibbiltà li jirrapportaw skont standards li huma proporzjonati mal-kapaċitajiet u mar-riżorsi tal-SMEs. Anki ***l-SMEs li ma jwettqux attivitajiet ekonomiċi b'riskju għoli*** u l-SMEs mhux elenkati jistgħu jagħżlu li jużaw dawn l-istandards proporzjonati fuq bażi volontarja. L-istandards tal-SMEs se jistabilixxu referenza għall-impriżi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fir-rigward tal-livell ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li jistgħu jitolbu b'mod raġonevoli mingħand il-fornituri SMEs u mingħand il-klijenti fil-ktajjen ***tal-provvista u*** tal-valur tagħhom.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Huwa rikonoxxut li ċerti setturi ta' attività ekonomika għandhom riskji partikolarment sinifikanti f'termini ta' sostenibbiltà. Settur ta' attività ekonomika b'riskju għoli huwa settur li, minħabba l-karatteristiċi tan-negozju u tal-valur u tal-katina tal-provvista tiegħu, huwa assoċjat ma' probabbiltà għolja ta' riperkussjonijiet reali jew potenzjali severi fuq l-ambjent, iċ-ċittadini, id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll fuq l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiż, ir-reġjun jew it-territorju fejn topera l-

impriża jew il-ktajjen tal-valur u tal-provvista tagħha. Xi setturi, bħal, fost l-oħrajn, l-industrija tal-estrazzjoni, l-agrikoltura, is-sajd, il-forestrija u l-produzzjoni tal-ikel, il-fertilizzanti, il-pestiċidi u l-antibijotiċi, l-industrija tal-ħwejjeġ, il-produzzjoni tal-plastik, l-injam, l-industrija elettronika, l-industrija tal-enerġija, il-finanzi u t-trasport marittimu internazzjonali jew l-ekonomija tal-gigs, jistgħu jkunu aktar esposti għal riperkussjonijiet severi f'termini ambjentali, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tas-sistemi ta' governanza, partikolarment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Sabiex jiġi żgurat li din id-Direttiva tapplika wkoll għal SMEs li joperaw f'setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli, jenħtieġ li tingħata definizzjoni ta' tali setturi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 49 biex tistabbilixxi u taġġorna lista ta' setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha biex tistabbilixxi u taġġorna l-lista ta' setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jittwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li, sistematikament, l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-atti delegati. L-SMEs li jwettqu attività ekonomika b'riskju għoli jenħtieġ li jkunu wkoll soġġetti għall-obbligu ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) Id-definizzjoni ta' setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli jenħtieġ li tkun ibbażata fuq u ispirata mill-Kodiċijiet NACE u għandha tqis il-leġiżlazzjoni, l-evidenza xjentifika u d-data tal-Unjoni dwar setturi partikolarment esposti għal riskji għas-sostenibbiltà jew li x'aktarx ikollhom impatti reali jew potenzjali severi fuq l-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba, setturi li diġà huma meqjusa "b'riskju għoli" skont standards internazzjonali u setturi li diġà huma meqjusa "b'riskju għoli" fil-kuntest ta' inizjattivi ekonomiċi jew kummerċjali. Id-definizzjoni ta' setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli jenħtieġ li tqis ukoll iż-żona ġeografika fejn joperaw l-impriża u l-katina tal-valur u tal-provvista tagħha, b'mod partikolari jekk titqies bħala żona affettwata minn kunflitti jew żona b'riskju għoli kif definit fir-Regolament (UE) 2017/821. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis ukoll ix-xogħol tal-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2020/852 u l-Gwida tal-OECD dwar Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 18c (ġdida)

(18c) L-obbligu li l-SMEs li joperaw f'setturi b'riskju għoli jiddivulgaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà huwa prinċipalment ibbażat fuq il-probabbiltà li, f'ċerti setturi, is-severità tal-impatti tas-sostenibbiltà tkun oġhla, irrISPettivament mid-daqs tal-impriża.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹ tapplika għall-impriżi kollha b'titoli elenkati fis-swieq regolati. Sabiex jiġi żgurat li l-impriżi kollha b'titoli elenkati fis-swieq regolati, inklużi emittenti ta' pajjiżi terzi, jaqgħu taħt l-istess rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà, jenħtieġ li d-Direttiva 2004/109/KE jkun fiha l-kontroreferenzi meħtieġa għal kwalunkwe rekwiżit dwar ir-rapportar tas-sostenibbiltà fir-rapport finanzjarju annwali.

(19) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹ tapplika għall-impriżi kollha b'titoli elenkati fis-swieq regolati. Sabiex jiġi żgurat li l-impriżi kollha b'titoli elenkati fis-swieq regolati **jew attivitajiet kummerċjali fis-suq intern tal-Unjoni**, inklużi emittenti ta' pajjiżi terzi, jaqgħu taħt l-istess rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà, jenħtieġ li d-Direttiva 2004/109/KE jkun fiha l-kontroreferenzi meħtieġa għal kwalunkwe rekwiżit dwar ir-rapportar tas-sostenibbiltà fir-rapport finanzjarju annwali.

⁴⁹ Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

⁴⁹ Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

Emenda 18

**Proposta għal direttiva
Premessa 21**

Test propost mill-Kummissjoni

(21) L-Artikoli 19a(3) u 29a(3) tad-Direttiva 2013/34/UE bħalissa jeżentaw lill-impriżi sussidjarji kollha mill-obbligu li jirrapportaw informazzjoni mhux finanzjarja meta tali impriżi u l-impriżi sussidjarji tagħhom ikunu inklużi fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tal-impriża **omm** tagħhom, dment li dan jinkludi l-informazzjoni mhux finanzjarja meħtieġa. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tkun faċilment aċċessibbli għall-utenti, u li tinkiseb trasparenza dwar **liema tkun l-impriża omm tal-impriża sussidjarja eżentata li tkun qed tirrapporta fil-livell ikkonsolidat**. Għalhekk, huwa neċessarju li dawk l-impriżi sussidjarji jintalbu jipubblikaw **ir-rapport** ta' ġestjoni kkonsolidat **tal-impriża omm tagħhom u li jinkludu referenza fir-rapport ta' ġestjoni tagħhom għall-fatt li huma eżentati mir-rapportar ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tapplika wkoll meta l-impriża omm li tirrapporta fil-livell ikkonsolidat tkun impriżi f'pajjiż terz li tkun qed tirrapporta informazzjoni dwar is-sostenibbiltà f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jew b'mod ekwivalenti għall-istandards tal-UE għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà.**

Emenda 19

**Proposta għal direttiva
Premessa 22**

Test propost mill-Kummissjoni

(22) **L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2013/34/UE jeżenta lill-impriżi omm mill-obbligu li jħejju rapporti**

Emenda

(21) L-Artikoli 19a(3) u 29a(3) tad-Direttiva 2013/34/UE bħalissa jeżentaw lill-impriżi sussidjarji kollha mill-obbligu li jirrapportaw informazzjoni mhux finanzjarja meta tali impriżi u l-impriżi sussidjarji tagħhom ikunu inklużi fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tal-impriża **prinċipali** tagħhom, **kif definit fid-Direttiva 2013/34/UE**, dment li dan jinkludi l-informazzjoni mhux finanzjarja meħtieġa. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tkun faċilment aċċessibbli għall-utenti, u li tinkiseb trasparenza dwar **l-attivitajiet tal-impriżi kollha koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva**. Għalhekk, huwa neċessarju li dawk l-impriżi sussidjarji jintalbu jipubblikaw **rapport ta' ġestjoni li jkun fih l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Innuqqas ta' eżenzjoni jenħtieġ li ma jaffettwax il-possibbiltà li impriża prinċipali taqsam l-ispejjeż u r-riżorsi mal-impriżi sussidjarji tagħha sabiex dawn jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jipubblikaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u biex tiġi vverifikata l-informazzjoni ppubblikata dwar is-sostenibbiltà. Lanqas ma jaffettwa l-possibbiltà li impriżi prinċipali jipproduċu rapport ta' ġestjoni kkonsolidat.**

imħassar

Emenda

finanzjarji kkonsolidati u rapport ta' ġestjoni kkonsolidat meta dawk l-impriża jkunu sussidjarji ta' impriża omm oħra li tikkonforma ma' dak l-obbligu. Madankollu, jenħtieġ li jiġi speċifikat li r-reġim ta' eżenzjoni mir-rapporti finanzjarji kkonsolidati u mir-rapporti ta' ġestjoni kkonsolidati jopera indipendentement mir-reġim ta' eżenzjoni mir-rapportar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat. Għalhekk, impriża tista' tiġi eżentata mill-obbligi ta' rapportar finanzjarju kkonsolidat iżda mhux eżentata mill-obbligi ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat meta l-kumpanija omm apikali tagħha tħejji rapporti finanzjarji kkonsolidati u rapporti ta' ġestjoni kkonsolidati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, jew f'konformità ma' rekwiżiti ekwivalenti jekk l-impriża tkun stabbilita f'pajjiż terz, iżda ma tħejjix ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat f'konformità mad-dritt tal-UE, jew f'konformità ma' rekwiżiti ekwivalenti jekk l-impriża tkun stabbilita f'pajjiż terz.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn sistema ekonomika u finanzjarja kompletament sostenibbli u inklużiva f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn jista' jkollhom impatti pożittivi u negattivi sinifikanti permezz tal-attivitajiet ta' self, ta' investment u ta' sottoskrizzjoni tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni għajr dawk li huma meħtieġa jikkonformaw mad-Direttiva 2013/34/UE, **jinkluzi** l-

Emenda

(23) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom rwol ewlieni fit-tranżizzjoni lejn sistema ekonomika u finanzjarja kompletament sostenibbli u inklużiva f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn jista' jkollhom impatti pożittivi u negattivi sinifikanti permezz tal-attivitajiet ta' self, ta' investment u ta' sottoskrizzjoni tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tal-assigurazzjoni għajr dawk li huma meħtieġa jikkonformaw mad-Direttiva 2013/34/UE, **inklużi** l-

kooperattivi u l-impriżi reċiproċi, ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà *dment li jissodisfaw ċerti kriterji tad-daqs*. Għalhekk, l-utenti ta' dik l-informazzjoni jkunu jistgħu jivvalutaw kemm l-impatti ta' dawn l-impriżi fuq is-soċjetà kif ukoll fuq l-ambjent kif ukoll ir-riskji li jirriżultaw minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà li dawn l-impriżi jistgħu jiffaċċjaw. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mar-rekwiżiti ta' rapportar tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE⁵⁰ dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, l-Istati Membri li jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà jistgħu jagħżlu li ma japplikawx ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-istituzzjonijiet ta' kreditu elenkati fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹.

⁵⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

⁵¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

kooperattivi u l-impriżi reċiproċi, ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà. Għalhekk, l-utenti ta' dik l-informazzjoni jkunu jistgħu jivvalutaw kemm l-impatti ta' dawn l-impriżi fuq is-soċjetà kif ukoll fuq l-ambjent kif ukoll ir-riskji li jirriżultaw minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà li dawn l-impriżi jistgħu jiffaċċjaw. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mar-rekwiżiti ta' rapportar tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE⁵⁰ dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, l-Istati Membri li jirrapportaw dwar is-sostenibbiltà jistgħu jagħżlu li ma japplikawx ir-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-istituzzjonijiet ta' kreditu elenkati fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹.

⁵⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

⁵¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li l-lista ta' kwistjonijiet

Emenda

(24) Jenħtieġ li l-lista ta' kwistjonijiet

relatati mas-sostenibbiltà li dwarhom l-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw tkun **koerenti kemm jista' jkun mad-definizzjoni** ta' "fatturi ta' sostenibbiltà" stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/2088. Jenħtieġ li dik il-lista tikkorrispondi wkoll għall-ħtiġijiet u għall-aspettattivi tal-utenti u tal-impriżi nfushom, li spiss jużaw it-termini "ambjentali", "soċjali" u "governanza" bħala mezz sabiex jikkategorizzaw it-tliet kwistjonijiet ewlenin relatati mas-sostenibbiltà. Il-lista tal-fatturi tas-sostenibbiltà stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/2088 ma tinkludix b'mod espliċitu kwistjonijiet ta' governanza. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fid-Direttiva 2013/34/UE tkun ibbażata fuq id-definizzjoni tal-"fatturi ta' sostenibbiltà" stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/2088, iżda biż-żieda tal-kwistjonijiet tal-governanza.

relatati mas-sostenibbiltà li dwarhom l-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw tkun **mibnija fuq id-definizzjoni** ta' "fatturi ta' sostenibbiltà" stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/2088. Jenħtieġ li dik il-lista tikkorrispondi wkoll għall-ħtiġijiet u għall-aspettattivi tal-utenti u tal-impriżi nfushom, li spiss jużaw it-termini "ambjentali", "soċjali" u "governanza" bħala mezz sabiex jikkategorizzaw it-tliet kwistjonijiet ewlenin relatati mas-sostenibbiltà. Il-lista tal-fatturi tas-sostenibbiltà stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/2088 ma tinkludix b'mod espliċitu kwistjonijiet ta' governanza. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fid-Direttiva 2013/34/UE tkun ibbażata fuq id-definizzjoni tal-"fatturi ta' sostenibbiltà" stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/2088, iżda biż-żieda tal-kwistjonijiet tal-governanza. ***Din id-definizzjoni jenħtieġ li tkun allinjata bis-sih mad-definizzjoni internazzjonali ta' "diliġenza dovuta" fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-gwida korrispondenti li din id-Direttiva tassumi u jenħtieġ li tqis id-definizzjonijiet mogħtija mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2021 dwar diliġenza dovuta korporattiva u obbligu ta' rendikont korporattiv. Ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu adattati sabiex ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni futura dwar il-governanza korporattiva sostenibbli u d-diliġenza dovuta.***

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Sabiex ikun possibbli l-użu ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà

korporattiva definita f'din id-Direttiva għal inċentivi fil-kuntest tad-direttivi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku u l-miżuri tal-Għajnuna mill-Istat, id-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li tiġi emendata biex tipprevedi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, li jinkludi indikaturi, bħala parti mir-rapportar dwar is-sostenibbiltà li jippermetti klassifikazzjoni kwantitattiva tal-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-impriżi.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) L-Artikoli 19a(1) u 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedu li l-impriżi jiddivulgaw informazzjoni dwar ħames oqsma ta' rapportar: mudell tan-negozju, politiki (inklużi l-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentati), l-eżitu ta' dawk il-politiki, ir-riskji u l-immaniġġjar tar-riskji, u indikaturi ewlenin **tal-prestazzjoni** rilevanti għan-negozju. L-Artikolu 19a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE ma fihx referenzi espliċiti għal oqsma oħrajn ta' rapportar li l-utenti tal-informazzjoni jqisu rilevanti, li wħud minnhom jallinjaw mad-divulgazzjonijiet inklużi fl-oqfsa internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar id-Divulgazzjonijiet Finanzjarji Relatati mal-Klima. Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni jiġu speċifikati f'dettall suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-impriżi jirrapportaw informazzjoni dwar ir-reżiljenza tagħhom għal riskji relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. Għalhekk, minbarra l-oqsma ta' rapportar identifikati fl-Artikoli 19a(1) u 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE, jenħtieġ li l-impriżi jkunu meħtieġa jiddivulgaw informazzjoni dwar l-istrateġija tan-negozju tagħhom u r-reżiljenza tal-mudell tan-negozju u l-

Emenda

(26) L-Artikoli 19a(1) u 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedu li l-impriżi jiddivulgaw informazzjoni dwar ħames oqsma ta' rapportar: mudell tan-negozju, politiki (inklużi l-proċessi ta' diliġenza dovuta implimentati), l-eżitu ta' dawk il-politiki, ir-riskji u l-immaniġġjar tar-riskji, u indikaturi ewlenin rilevanti għan-negozju. L-Artikolu 19a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE ma fihx referenzi espliċiti għal oqsma oħrajn ta' rapportar li l-utenti tal-informazzjoni jqisu rilevanti, li wħud minnhom jallinjaw mad-divulgazzjonijiet inklużi fl-oqfsa internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar id-Divulgazzjonijiet Finanzjarji Relatati mal-Klima. Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni jiġu speċifikati f'dettall suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-impriżi jirrapportaw informazzjoni dwar ir-reżiljenza tagħhom għal riskji relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. Għalhekk, minbarra l-oqsma ta' rapportar identifikati fl-Artikoli 19a(1) u 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE, jenħtieġ li l-impriżi jkunu meħtieġa jiddivulgaw informazzjoni dwar l-istrateġija tan-negozju tagħhom u r-reżiljenza tal-mudell tan-negozju u l-

istrateġija għar-riskji marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, kwalunkwe pjan li jista' jkollhom sabiex jiżguraw li l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħhom ikunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima; jekk il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħhom **iqisux** l-interessi tal-partijiet ikkonċernati u kif jagħmlu dan; kwalunkwe opportunità għall-impriża li **tirriżulta** minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; l-implimentazzjoni tal-aspetti tal-istrateġija tan-negozju li jaffettwaw, jew li huma affettwati minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; kwalunkwe mira ta' sostenibbiltà stabbilita mill-impriża u l-progress li sar fil-kisba **tagħha**; ir-rwol tal-bord u tal-maniġment fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; l-impatti avversi attwali u potenzjali **ewlenin** marbutin mal-attivitajiet tal-impriża; u kif l-impriża identifikat l-informazzjoni li tirrapporta dwarha. Ladarba tkun meħtieġa d-divulgazzjoni ta' elementi bħall-miri u l-progress fil-kisba tagħhom, ir-rekwiżit separat li jiġu ddivulgati l-eżiti tal-politiki ma jibqax neċessarju.

istrateġija għar-riskji marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, kwalunkwe pjan li jista' jkollhom sabiex jiżguraw li l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħhom ikunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima **u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, partikolarment bl-għoti ta' informazzjoni fis-setturi li jikkawżaw l-akbar impatt ambjentali, bħall-agrikoltura, is-sajd, il-qtugħ tas-siġar għall-injam, l-estrazzjoni u l-infrastruttura fuq skala kbira**; jekk il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħhom **jirrispettawx u jissalvagwardjawx id-drittijiet**, l-interessi **u l-ħtiġijiet** tal-partijiet ikkonċernati, **inklużi l-ħaddiema, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-prinċipju ta' kunsens minn qabel u infurmat**, u kif jagħmlu dan; kwalunkwe opportunità **u riskju** għall-impriża li **jirriżultaw** minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; l-implimentazzjoni tal-aspetti tal-istrateġija tan-negozju li jaffettwaw, jew li huma affettwati minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; kwalunkwe mira ta' sostenibbiltà **fuq terminu qasir, medju u fit-tul ibbażata fuq ix-xjenza u marbuta fiż-żmien** stabbilita mill-impriża **u deskrizzjoni tal-investimenti, l-azzjonijiet u l-politiki adottati biex jintlaħqu dawk il-miri u l-progress li jkun** sar fil-kisba **tagħhom**; ir-rwol tal-bord u tal-maniġment fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà; **il-proċess ta' diliġenza dovuta implimentat fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà**, l-impatti avversi attwali u potenzjali marbutin mal-attivitajiet tal-impriża; **l-effetti negattivi jew pożittivi tal-prattiki, il-politiki u d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-impriża fuq l-impatti identifikati** u kif l-impriża identifikat l-informazzjoni li tirrapporta dwarha, **inkluż dwar jekk l-impriżi jkunux ikkonsultaw direttament mal-partijiet ikkonċernati biex jidentifikaw tali informazzjoni**. Ladarba tkun meħtieġa d-divulgazzjoni ta' elementi bħall-miri u l-progress fil-kisba tagħhom,

ir-rekwiżit separat li jiġu ddivulgati l-eżiti tal-politiki ma jibqax neċessarju.

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' strumenti internazzjonali bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negożju, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tad-diliġenza dovuta jiġu speċifikati f'aktar dettall milli huwa l-każ fil-punt (b) tal-Artikolu 19a(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE. Id-diliġenza dovuta hija l-proċess li l-impriżi jwettqu sabiex jidentifikaw, jipprevjenu, jimmitigaw u jirrimedjaw l-impatti *avversi attwali* u potenzjali *ewlenin* marbutin mal-attivitajiet tagħhom *u biex jidentifikaw kif jindirizzaw dawk l-impatti negattivi*. L-impatti marbutin mal-attivitajiet ta' impriża jinkludu impatti direttament ikkawżati mill-impriża, l-impatti li l-impriża tikkontribwixxi għalihom, u l-impatti li huma marbuta b'xi mod ieħor mal-katina tal-valur tal-impriża. Il-proċess tad-diliġenza dovuta jikkonċerna l-katina tal-valur kollha tal-impriża inklużi l-operazzjonijiet tagħha stess, il-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-ktajjen tal-provvista tagħha. F'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, impatt avvers *attwali* jew potenzjali għandu jitqies bħala impatt ewlieni meta jitkejjel fost l-akbar impatti marbutin mal-attivitajiet tal-impriża fuq il-bażi ta': il-gravità tal-impatt fuq in-nies jew fuq l-ambjent; l-għadd ta' individwi li huma jew li jistgħu jiġu affettwati, jew l-iskala tal-ħsara lill-

Emenda

(27) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' strumenti internazzjonali bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, *inklużi l-UNGPs 10+*, u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negożju, *id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali (Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO)*, *id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u l-prinċipju ta' Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat, kif ukoll strumenti reġjonali oħra bħall-Istandards Interamerikani għan-Negożju u d-drittijiet tal-bniedem*, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tad-diliġenza dovuta jiġu speċifikati f'aktar dettall milli huwa l-każ fil-punt (b) tal-Artikolu 19a(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE. Id-diliġenza dovuta hija l-proċess li l-impriżi jwettqu sabiex jidentifikaw, *jivvalutaw*, jipprevjenu, jimmitigaw, *iwaqqfu, jimmonitorjaw, jikkomunikaw, jikkunsidraw, jindirizzaw* u jirrimedjaw l-impatti *negattivi reali* u potenzjali marbutin mal-attivitajiet tagħhom. L-impatti marbutin mal-attivitajiet ta' impriża jinkludu impatti direttament ikkawżati mill-impriża, l-impatti li l-impriża tikkontribwixxi għalihom, u l-impatti li huma marbuta b'xi mod ieħor mal-katina *tal-provvista u* tal-valur tal-impriża. Il-proċess tad-diliġenza dovuta jikkonċerna l-katina tal-valur kollha tal-impriża inklużi l-operazzjonijiet tagħha stess, il-prodotti u s-

ambjent; u l-faċilità li biha tista' tiġi rrimedjata l-ħsara, li biha jista' jiġi rrestawrat l-ambjent jew li biha l-persuni affettwati jistgħu jitreggħu lura għall-istat preċedenti tagħhom.

servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-ktajjen tal-provvista tagħha. F'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, impatt negattiv reali jew potenzjali għandu jitqies bħala impatt ewlieni meta jitkejjel fost l-akbar impatti marbutin mal-attivitajiet tal-impriża fuq il-bażi ta': il-gravità tal-impatt fuq in-nies jew fuq l-ambjent; l-għadd ta' individwi li huma jew li jistgħu jiġu affettwati, jew l-iskala tal-ħsara lill-ambjent; u l-faċilità li biha tista' tiġi rrimedjata l-ħsara, li biha jista' jiġi rrestawrat l-ambjent jew li biha l-persuni affettwati jistgħu jitreggħu lura għall-istat preċedenti tagħhom. ***Fir-rigward tal-impatti fuq l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tal-pajjiż fejn l-impriża u l-ktajjen tal-valur u tal-provvista tagħha qed joperaw, il-konsistenza u l-koerenza jenħtieġ li jiġu segwiti wkoll bi strumenti internazzjonali u reġjonali oħra, bħall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, it-Taqsima VII tal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali u Rakkomandazzjonijiet relatati.***

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) L-Artikoli 19a(1) u 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE ma jispeċifikawx jekk l-informazzjoni li trid tiġi rrapportata tridx tkun tħares 'il quddiem jew tridx tkun informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-passat. Bħalissa hemm nuqqas ta' divulgazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem, li l-utenti tal-informazzjoni dwar is-

Emenda

(29) L-Artikoli 19a(1) u 29a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE ma jispeċifikawx jekk l-informazzjoni li trid tiġi rrapportata tridx tkun tħares 'il quddiem jew tridx tkun informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-passat. Bħalissa hemm nuqqas ta' divulgazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem, li l-utenti tal-informazzjoni dwar is-

sostenibbiltà tant iqisu siewja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jispeċifikaw li l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà rrapportata għandha tinkludi informazzjoni li tħares 'il quddiem u retrospettiva, u informazzjoni kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva. Jenħtieġ li l-informazzjoni rrapportata dwar is-sostenibbiltà tqis ukoll perjodi ta' żmien qosra, medji u fit-tul u tinkludi informazzjoni dwar il-katina tal-valur kollha tal-impriża, inklużi l-operazzjonijiet tagħha stess, il-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha, u l-katina tal-provvista tagħha, **kif xieraq**. L-informazzjoni dwar il-katina tal-valur kollha tal-impriża tkun tinkludi informazzjoni relatata mal-katina tal-valur tagħha fl-UE u informazzjoni li tkopri pajjiżi terzi jekk il-katina tal-valur tal-impriża testendi barra mill-UE.

sostenibbiltà tant iqisu siewja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jispeċifikaw li l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà rrapportata għandha tinkludi informazzjoni li tħares 'il quddiem u retrospettiva, u informazzjoni kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva. Jenħtieġ li l-informazzjoni rrapportata dwar is-sostenibbiltà tqis ukoll perjodi ta' żmien qosra, medji u fit-tul u tinkludi informazzjoni dwar il-katina tal-valur kollha tal-impriża, inklużi l-operazzjonijiet, **il-forza tax-xogħol, l-investimenti u l-assi tagħha stess**, il-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha, u l-katina tal-provvista tagħha, **u l-informazzjoni kollha li tkun utli sabiex jiġu mifhuma l-impatti u r-riskji relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-impriża**. L-informazzjoni dwar il-katina tal-valur kollha tal-impriża tkun tinkludi informazzjoni relatata mal-katina tal-valur tagħha fl-UE u informazzjoni li tkopri pajjiżi terzi jekk il-katina tal-valur tal-impriża testendi barra mill-UE.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) huwa assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita skont id-dritt tal-Belġju li taqdi l-interess pubbliku billi ttiprovdi pariri lill-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni tal-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju. L-EFRAG stabbilixxa reputazzjoni bħala ċentru Ewropew ta' għarfien espert dwar ir-rappurtar korporattiv, u jinsab f'pożizzjoni tajba sabiex irawwem il-koordinazzjoni bejn l-istandards Ewropej ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà u inizjattivi internazzjonali li

Emenda

(34) Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) huwa assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita skont id-dritt tal-Belġju li taqdi l-interess pubbliku billi ttiprovdi pariri lill-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni tal-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju. L-EFRAG stabbilixxa reputazzjoni bħala ċentru Ewropew ta' għarfien espert dwar ir-rappurtar korporattiv, u jinsab f'pożizzjoni tajba sabiex irawwem il-koordinazzjoni bejn l-istandards Ewropej ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà u inizjattivi internazzjonali li

jkollhom l-għan li jiżviluppaw standards li huma konsistenti madwar id-dinja. F'Marzu 2021, task force b'diversi partijiet ikkonċernati stabbilita mill-EFRAG ippubblikat rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp possibbli ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-Unjoni Ewropea. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet fihom proposti sabiex jiġi żviluppata sett koerenti u komprensiv ta' standards tar-rapportar, li jkopru l-kwistjonijiet kollha relatati mas-sostenibbiltà minn perspettiva ta' materjalità doppja. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet fihom ukoll pjan direzzjonali dettaljat għall-iżvilupp ta' tali standards, u proposti għat-tisħiħ reċiproku tal-kooperazzjoni bejn inizjattivi globali ta' ffissar ta' standards u inizjattivi tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxu l-istandards. F'Marzu 2021, il-President tal-EFRAG ippubblika rakkomandazzjonijiet għal tibdiliet possibbli fil-governanza għall-EFRAG li kieku kellu jintalab jiżviluppa parir tekniku dwar l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu l-istabiliment fl-EFRAG ta' pilastru ġdid tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà filwaqt li l-pilastru eżistenti tar-rapportar finanzjarju ma jiġix immodifikat b'mod sinifikanti. Meta tadotta standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-parir tekniku li jiżviluppa l-EFRAG. Sabiex jiġu żgurati standards ta' kwalità għolja li jikkontribwixxu għall-ġid pubbliku Ewropew u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-impriżi u tal-utenti għall-informazzjoni rrapportata, jenħtieġ li l-parir tekniku tal-EFRAG jiġi żviluppata bi proċess ġust xieraq, b'sorveljanza pubblika u bi trasparenza, flimkien ma' analiżijiet tal-kostijiet u tal-benefiċċji, u jiġi żviluppata **bl-għarfien espert tal-partijiet** ikkonċernati rilevanti. Sabiex jiġi żgurat li l-istandards tal-Unjoni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jqisu l-fehmiet tal-Istati Membri tal-Unjoni, jenħtieġ li, qabel ma

jkollhom l-għan li jiżviluppaw standards li huma konsistenti madwar id-dinja. F'Marzu 2021, task force b'diversi partijiet ikkonċernati stabbilita mill-EFRAG ippubblikat rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp possibbli ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-Unjoni Ewropea. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet fihom proposti sabiex jiġi żviluppata sett koerenti u komprensiv ta' standards tar-rapportar, li jkopru l-kwistjonijiet kollha relatati mas-sostenibbiltà minn perspettiva ta' materjalità doppja. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet fihom ukoll pjan direzzjonali dettaljat għall-iżvilupp ta' tali standards, u proposti għat-tisħiħ reċiproku tal-kooperazzjoni bejn inizjattivi globali ta' ffissar ta' standards u inizjattivi tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxu l-istandards. F'Marzu 2021, il-President tal-EFRAG ippubblika rakkomandazzjonijiet għal tibdiliet possibbli fil-governanza għall-EFRAG li kieku kellu jintalab jiżviluppa parir tekniku dwar l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu l-istabiliment fl-EFRAG ta' pilastru ġdid tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà filwaqt li l-pilastru eżistenti tar-rapportar finanzjarju ma jiġix immodifikat b'mod sinifikanti. Meta tadotta standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-parir tekniku li jiżviluppa l-EFRAG. Sabiex jiġu żgurati standards ta' kwalità għolja li jikkontribwixxu għall-ġid pubbliku Ewropew u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-impriżi u tal-utenti għall-informazzjoni rrapportata, jenħtieġ li l-parir tekniku tal-EFRAG jiġi żviluppata bi proċess ġust xieraq, b'sorveljanza pubblika u bi trasparenza, flimkien ma' analiżijiet tal-kostijiet u tal-benefiċċji, u **jkun ibbażat fuq proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa** u jiġi żviluppata **permezz tiegħu. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiggarrantixxi proċess trasparenti li jevita kwalunkwe riskju ta' kunflitt ta' interess, kif ukoll l-inklużjoni**

tadotta l-istandards, il-Kummissjoni tikkonsulta lill-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2020/852 dwar il-parir tekniku tal-EFRAG. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għandha rwol fl-abbozzar ta' standards tekniċi regolatorji skont ir-Regolament (UE) 2019/2088 u jeħtieġ li jkun hemm koerenza bejn dawk l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴, l-ESMA għandha wkoll rwol fil-promozzjoni tal-konverġenza superviżorja fl-infurzar tar-rapportar korporattiv mill-emittenti li t-titoli tagħhom huma elenkati fis-swieq regolati tal-UE u li se jkunu meħtieġa jużaw dawn l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tkun meħtieġa tipprovdi opinjoni dwar il-parir tekniku tal-EFRAG. Jenħtieġ li din l-opinjoni tingħata fi żmien xahrejn mid-data tal-wasla tat-talba mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat ta' Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar u lill-Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli sabiex jiġi żgurat li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jkunu koerenti mal-politika u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Meta kwalunkwe wieħed minn dawk il-korpi jiddeċiedi li jissottometti opinjoni, huwa jrid jagħmel dan fi żmien *xahrejn* mid-data li fiha jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni.

sħiħa fl-iżvilupp ta' standards ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà tat-trade unions, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-NGOs u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra *kollha, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali jew gvernijiet ta' pajjiżi li fihom l-impriża jew il-katina tal-valur u tal-provvista tagħha se topera, sabiex tirrappreżenta l-interessi ta' kull grupp ta' utenti*. Sabiex jiġi żgurat li l-istandards tal-Unjoni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jqisu l-fehmiet tal-Istati Membri tal-Unjoni, jenħtieġ li, qabel ma tadotta l-istandards, il-Kummissjoni tikkonsulta lill-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2020/852 dwar il-parir tekniku tal-EFRAG. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għandha rwol fl-abbozzar ta' standards tekniċi regolatorji skont ir-Regolament (UE) 2019/2088 u jeħtieġ li jkun hemm koerenza bejn dawk l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴, l-ESMA għandha wkoll rwol fil-promozzjoni tal-konverġenza superviżorja fl-infurzar tar-rapportar korporattiv mill-emittenti li t-titoli tagħhom huma elenkati fis-swieq regolati tal-UE u li se jkunu meħtieġa jużaw dawn l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-ESMA tkun meħtieġa tipprovdi opinjoni dwar il-parir tekniku tal-EFRAG. Jenħtieġ li din l-opinjoni tingħata fi żmien xahrejn mid-data tal-wasla tat-talba mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat ta' Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar u lill-Pjattaforma dwar Finanzi Sostenibbli sabiex jiġi żgurat li l-istandards tar-

rapportar dwar is-sostenibbiltà jkunu koerenti mal-politika u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. **Barra min hekk, jenħtieġ li jitqiesu wkoll l-għarfien espert u l-opinjoni tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tas-Sostenibbiltà (ISSB) tal-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS).** Meta kwalunkwe wieħed minn dawk il-korpi jiddeċiedi li jissottometti opinjoni, huwa jrid jagħmel dan fi żmien **tlit xhur** mid-data li fiha jġi kkonsultat mill-Kummissjoni.

⁵⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

⁵⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Emenda 27

Proposta għal direttiva Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jkunu koerenti ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk l-istandards b'mod partikolari jiġu allinjati mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2088, u jenħtieġ li jqisu l-indikaturi u l-metodoloġiji sottostanti stabbiliti fid-diversi atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni applikabbli għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁵, l-istandards minimi għall-bini tal-parametri referenzjarji tal-UE ta' tranżizzjoni klimatika u tal-parametri referenzjarji tal-

Emenda

(35) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jkunu koerenti ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, **b'mod partikolari mal-leġiżlazzjoni li tittratta l-kwisijonijiet koperti minn din id-Direttiva.** Jenħtieġ li dawk l-istandards b'mod partikolari jiġu allinjati mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2088, u jenħtieġ li jqisu l-indikaturi u l-metodoloġiji sottostanti stabbiliti fid-diversi atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni applikabbli għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁵, l-istandards minimi għall-bini

UE allinjati ma' Pariġi; u ta' kwalunkwe ħidma mwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-Pilastru III tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li l-istandards iqisu l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, li tinkludi d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶ u r-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷, u jenħtieġ li jitqiesu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE⁵⁸ u l-annessi tagħha, u l-aġġornamenti tagħhom. Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, u r-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-impriżi fir-rigward tad-dmirijiet tad-diretturi u tad-diliġenza dovuta.

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

⁵⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275 25.10.2003, p. 32).

⁵⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja

tal-parametri referenzjarji tal-UE ta' tranżizzjoni klimatika u tal-parametri referenzjarji tal-UE allinjati ma' Pariġi; u ta' kwalunkwe ħidma mwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-Pilastru III tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li l-istandards iqisu l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, li tinkludi d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶ u r-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁷, u jenħtieġ li jitqiesu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE⁵⁸ u l-annessi tagħha, u l-aġġornamenti tagħhom. Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll **kull** leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, u r-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-impriżi fir-rigward tad-dmirijiet tad-diretturi u tad-diliġenza dovuta.

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

⁵⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275 25.10.2003, p. 32).

⁵⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja

ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

⁵⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE tad-9 ta' April 2013 dwar l-użu ta' metodi komuni għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 124, 4.5.2013, p. 1).

⁵⁹ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

⁵⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE tad-9 ta' April 2013 dwar l-użu ta' metodi komuni għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 124, 4.5.2013, p. 1).

⁵⁹ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

Emenda 28

Proposta għal direttiva Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jqisu l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar mhux finanzjarju⁶⁰ u l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar ta' informazzjoni relatata mal-klima⁶¹. Jenħtieġ li jqisu wkoll rekwiżiti oħrajn ta' rapportar fid-Direttiva 2013/34/UE li mhumiex direttament relatati mas-sostenibbiltà, bl-għan li jipprovdu lill-utenti tal-informazzjoni rrapportata b'fehim aħjar tal-iżvilupp, tal-prestazzjoni, tal-pożizzjoni u tal-impatt tal-impriża, billi jiġu massimizzati r-rabtiet bejn l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u informazzjoni oħra rrapportata f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE.

Emenda

(36) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jqisu l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar mhux finanzjarju⁶⁰ u l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar ta' informazzjoni relatata mal-klima⁶¹. Jenħtieġ li jqisu wkoll rekwiżiti oħrajn ta' rapportar fid-Direttiva 2013/34/UE, **inkluż rapportar dwar pagamenti lil gvernijiet mill-impriżi skont il-Kapitolu X ta' dik id-Direttiva, kif ukoll rekwiżiti oħra ta' rapportar** li mhumiex direttament relatati mas-sostenibbiltà, bl-għan li jipprovdu lill-utenti tal-informazzjoni rrapportata b'fehim aħjar tal-iżvilupp, tal-prestazzjoni, tal-pożizzjoni u tal-impatt **ambjentali u soċjali** tal-impriża, billi jiġu massimizzati r-rabtiet bejn l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u informazzjoni oħra rrapportata f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE.

⁶⁰ 2017/C 215/01.

⁶¹ 2019/C 209/01.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jqisu wkoll il-prinċipji u l-oqfsa rikonoxxuti internazzjonalment dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, u l-iżvilupp sostenibbli, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Kummerċjali Responsabbli u linji gwida settorjali relatati, il-Patt Globali tan-NU, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, l-istandard ISO 26000 dwar ir-responsabbiltà soċjali, u l-Prinċipji tan-NU għal Investiment Responsabbli.

⁶⁰ 2017/C 215/01.

⁶¹ 2019/C 209/01.

Emenda

(39) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jqisu wkoll il-prinċipji u l-oqfsa rikonoxxuti internazzjonalment dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, u l-iżvilupp sostenibbli, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, ***u l-gwida tagħha biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ma jiġux ostakolati***, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Kummerċjali Responsabbli u linji gwida settorjali relatati, il-Patt Globali tan-NU, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, l-istandard ISO 26000 dwar ir-responsabbiltà soċjali, u l-Prinċipji tan-NU għal Investiment Responsabbli. ***Jenħtieġ li jitqiesu wkoll oqfsa oħra bħad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u l-prinċipji tagħha ta' Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat, il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, it-Taqsima VII tal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali u***

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni rrapportata mill-impriżi f'konformità mal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. L-istandards tar-rappurtar għalhekk jenħtieġ li jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jiddivulgaw dwar il-fatturi ambjentali ewlenin kollha, inklużi l-impatti u d-dipendenzi tagħhom fuq il-klima, l-arja, l-art, l-ilma u l-bijodiversità. Ir-Regolament (UE) 2020/852 jipprovdi klassifikazzjoni tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni. Għal raġunijiet ta' koerenza, huwa xieraq li tintuża klassifikazzjoni simili sabiex jiġu identifikati l-fatturi ambjentali li jenħtieġ li jiġu indirizzati mill-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar jikkunsidraw u jispeċifikaw kwalunkwe informazzjoni ġeografika jew kuntestwali oħra li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw sabiex jipprovdu fehim tal-impatti ewlenin tagħhom fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u tar-riskji ewlenin għall-impriża li jirriżultaw minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(40) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni rrapportata mill-impriżi f'konformità mal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti, ***inklużi dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet pubbliċi, l-investituri, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.*** L-istandards tar-rappurtar għalhekk jenħtieġ li jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jiddivulgaw dwar il-fatturi ambjentali ewlenin kollha, inklużi l-impatti u d-dipendenzi tagħhom fuq il-klima, l-arja, l-art, l-ilma u l-bijodiversità. Ir-Regolament (UE) 2020/852 jipprovdi klassifikazzjoni tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni. Għal raġunijiet ta' koerenza, huwa xieraq li tintuża klassifikazzjoni simili sabiex jiġu identifikati l-fatturi ambjentali li jenħtieġ li jiġu indirizzati mill-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar jikkunsidraw u jispeċifikaw kwalunkwe informazzjoni ġeografika jew kuntestwali oħra li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw sabiex jipprovdu fehim tal-impatti ewlenin tagħhom fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u tar-riskji ewlenin għall-impriża li jirriżultaw minn kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà.

(41) Fir-rigward ta' informazzjoni relatata mal-klima, l-utenti huma interessati li jkunu jafu dwar ir-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni tal-impriżi, u dwar ir-reżiljenza tagħhom għal xenarji klimatiċi differenti. Huma interessati wkoll fil-livell u l-ambitu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra attribwiti lill-impriża, inkluż sa liema punt l-impriża tuża kumpensi u s-sors ta' dawk il-kumpensi. Il-kisba ta' ekonomija newtrali għall-klima teħtieġ l-allinjament tal-istandards tal-kontabilità u tal-tpaċija tal-gassijiet serra. L-utenti jeħtieġu informazzjoni affidabbli dwar it-tpaċijiet li tindirizza t-ħassib dwar il-possibbiltà ta' għadd doppju u ta' stimi eċċessivi, minħabba r-riskji għall-kisba ta' miri relatati mal-klima li jistgħu joħolqu l-għadd doppju u l-istimi eċċessivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jirrapportaw fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw dwar il-fatturi soċjali, inklużi l-fatturi tal-impjegati u d-drittijiet tal-bniedem. Jenħtieġ li tali informazzjoni tkopri l-impatti tal-impriżi fuq in-nies, inkluż fuq is-saħħa tal-bniedem. L-informazzjoni li l-impriżi jiddivulgaw dwar id-drittijiet tal-bniedem jenħtieġ li tinkludi **informazzjoni dwar** ix-xogħol furzat fil-ktajjen tal-valur tagħhom, **fejn rilevanti**. Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar li

(41) Fir-rigward ta' informazzjoni relatata mal-klima, l-utenti huma interessati li jkunu jafu dwar ir-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni tal-impriżi, **dwar il-pjanijiet dettaljati tagħhom biex jimmitigaw l-emissjonijiet tagħhom stess**, u dwar ir-reżiljenza **u l-pjanijiet** tagħhom **biex jadattaw ruħhom** għal xenarji klimatiċi differenti. Huma interessati wkoll fil-livell u l-ambitu tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra attribwiti lill-impriża, inkluż sa liema punt l-impriża tuża kumpensi u s-sors ta' dawk il-kumpensi. Il-kisba ta' ekonomija newtrali għall-klima teħtieġ l-allinjament tal-istandards tal-kontabilità u tal-tpaċija tal-gassijiet serra. L-utenti jeħtieġu informazzjoni affidabbli dwar it-tpaċijiet li tindirizza t-ħassib dwar il-possibbiltà ta' għadd doppju u ta' stimi eċċessivi, minħabba r-riskji għall-kisba ta' miri relatati mal-klima li jistgħu joħolqu l-għadd doppju u l-istimi eċċessivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jirrapportaw fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda

(43) Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw dwar il-fatturi soċjali, inklużi l-fatturi tal-impjegati u d-drittijiet tal-bniedem. Jenħtieġ li tali informazzjoni tkopri l-impatti tal-impriżi fuq in-nies, inkluż fuq is-saħħa tal-bniedem. **L-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw informazzjoni pajjiż b'pajjiż rigward il-forza tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-pagi skont il-ġeneru, is-siġhat tax-xogħol, kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza fiżika u**

jindirizzaw il-fatturi soċjali jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw fir-rigward tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li huma rilevanti għan-negozji, inklużi l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali adottat f'Marzu 2021 jitlob rekwiżiti aktar b'saħħithom sabiex l-impriżi jirrapportaw fuq kwistjonijiet soċjali. Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar jispeċifikaw ukoll l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali, tal-prinċipji demokratiċi u tal-istandards stabbiliti fil-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u f'konvenzjonijiet ewlenin oħrajn tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

psikoloġika tal-ħaddiema tagħhom. Jenħtieġ li jiddivulgaw ukoll informazzjoni dwar id-djalogu soċjali u r-rappreżentanza tal-ħaddiema. L-informazzjoni li l-impriżi jiddivulgaw dwar id-drittijiet tal-bniedem jenħtieġ li tinkludi *l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-valur u tal-provvista tagħhom, inkluż ix-xogħol furzat, pagi li jiggarrantixxu l-għajxien u t-tħaddim tat-tfal* fil-ktajjen tal-valur u *tal-provvista* tagħhom. Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar li jindirizzaw il-fatturi soċjali jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw fir-rigward tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li huma rilevanti għan-negozji, inklużi l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali adottat f'Marzu 2021 jitlob rekwiżiti aktar b'saħħithom sabiex l-impriżi jirrapportaw fuq kwistjonijiet soċjali. Jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar jispeċifikaw ukoll l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali, tal-prinċipji demokratiċi u tal-istandards stabbiliti fil-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u f'konvenzjonijiet ewlenin oħrajn tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, *bħal fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni*, fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, *fil-konvenzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u b'mod partikolari* fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, *fil-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi*

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) L-utenti jeħtieġu informazzjoni dwar il-fatturi ta' governanza, inkluża informazzjoni dwar ir-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' impriża, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, tal-kompożizzjoni ta' tali korpi, u tas-sistemi ta' kontroll intern u ta' mmaniġġjar tar-riskji ta' impriża, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' rapportar. L-utenti jeħtieġu wkoll informazzjoni dwar il-kultura korporattiva u l-approċċ lejn l-etika tan-negozju tal-impriżi, inklużi ***l-ġlieda*** kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim, u dwar l-impenni politiċi tagħhom, inklużi l-attivitajiet ta' ***lobbjar***. Informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-impriża u l-kwalità tar-relazzjonijiet mas-sħab kummerċjali, inklużi prattiki ta' pagament relatati mad-data jew mal-perjodu għall-ħlas, mar-rata tal-imgħax għal pagament tard jew il-kumpens għall-kostijiet ta' rkupru msemmijin fid-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶² dwar pagament tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali, tgħin lill-utenti jifhmu r-riskji ta' impriża kif ukoll l-impatti tagħha fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. Kull sena, eluf ta' negozji, speċjalment l-SMEs, ibatu minn piżijiet amministrattivi u finanzjarji minħabba li jitħallsu tard, jew minħabba li ma jitħallsu xejn affattu. Fl-aħħar mill-aħħar, il-pagamenti tard iwasslu għal insolvenza u għal falliment, b'effetti qerrieda fuq ktajjen tal-valur sħaħ. Jenħtieġ li ż-żieda fl-informazzjoni dwar il-prattiki ta' pagament tħeġġeġ lil impriżi oħrajn jidentifikaw lil dawk li jħallsu fil-pront u b'mod affidabbli, jidentifikaw prattiki

Emenda

(44) L-utenti jeħtieġu informazzjoni dwar il-fatturi ta' governanza, inkluża informazzjoni dwar ir-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji ta' impriża, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, tal-kompożizzjoni ta' tali korpi, u tas-sistemi ta' kontroll intern, ***ta' mekkaniżmi ta' allerta*** u ta' mmaniġġjar tar-riskji ta' impriża, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' rapportar. L-utenti jeħtieġu wkoll informazzjoni dwar il-kultura korporattiva u l-approċċ lejn l-etika tan-negozju tal-impriżi, inklużi ***indikaturi konkreti dwar il-ġlieda*** kontra l-korruzzjoni u ***politiki u programmi*** kontra t-tixħim, u dwar l-impenni politiċi ***u ta' politika pubblika*** tagħhom, inklużi l-attivitajiet ta' ***lobbying***, ***u dwar is-sjieda benefiċjarja u l-istruttura organizzattiva, kif ukoll dwar ir-rispett tal-impriżi għall-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiż fejn joperaw l-impriżi u l-ktajjen tal-valur u/jew tal-provvista tagħhom.*** ***Informazzjoni, imqasma skont il-pajjiżi, dwar strateġiji u prattiki korporattivi, dwar l-akkwist privat u pubbliku, is-sigurtà, it-taxxi, ir-relazzjonijiet u l-proċeduri amministrattivi pubbliċi, il-komunikazzjoni u l-informazzjoni korporattiva, il-litigazzjoni korporattiva hija wkoll parti minn aspetti ta' governanza korporattiva li huma importanti li jiġu ddivulgati. Id-divulgazzjoni ta' din id-data għandha l-għan li tippermetti lill-investituri jagħmlu deċiżjonijiet aktar infurmati, ittejjeb il-governanza u r-responsabbiltà korporattiva u tikkontribwixxi sabiex***

inġusti ta' pagament, *jaċċessaw informazzjoni* dwar in-negozji li jinnegozjaw magħhom, u jinnegozjaw termini ta' pagament aktar ġusti.

titrażżan l-evaljazzjoni tat-taxxa.

Informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-impriża u l-kwalità tar-relazzjonijiet mas-*sħab* kummerċjali, inklużi prattiki ta' pagament relatati mad-data jew mal-perjodu għall-*ħlas*, mar-rata tal-*imgħax* għal pagament tard jew il-kumpens għall-kostijiet ta' rkupru msemmin fid-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶² dwar pagament tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali, tgħin lill-utenti jifhmu r-riskji ta' impriża kif ukoll l-impatti tagħha fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà. Kull sena, eluf ta' negozji, speċjalment l-SMEs, ibatu minn piżijiet amministrattivi u finanzjarji minħabba li jitħallsu tard, jew minħabba li ma jitħallsu xejn affattu. Fl-*aħħar* mill-*aħħar*, il-pagamenti tard iwasslu għal insolvenza u għal falliment, b'effetti qerrieda fuq ktajjen tal-valur *sħaħ*. Jenħtieġ li *ż-żieda* fl-informazzjoni dwar il-prattiki ta' pagament thegġegħ lil impriżi oħrajn jidentifikaw lil dawk li jħallsu fil-pront u b'mod affidabbli, jidentifikaw prattiki inġusti ta' pagament, - dwar in-negozji li jinnegozjaw magħhom, u jinnegozjaw termini ta' pagament aktar ġusti.

⁶² Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-*ġlieda* kontra l-*ħlas* tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1).

⁶² Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-*ġlieda* kontra l-*ħlas* tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1).

Emenda 34

Proposta għal direttiva Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) L-impriżi fl-istess settur spiss ikunu skoperti għal riskji simili relatati mas-sostenibbiltà, u spiss ikollhom impatti simili fuq is-soċjetà u fuq l-ambjent. Il-paraguni bejn l-impriżi fl-istess settur huma partikolarment siewja għall-

Emenda

(46) L-impriżi fl-istess settur spiss ikunu skoperti għal riskji simili relatati mas-sostenibbiltà, u spiss ikollhom impatti simili fuq is-soċjetà u fuq l-ambjent. Il-paraguni bejn l-impriżi fl-istess settur huma partikolarment siewja għall-

investituri u għal utenti oħrajn tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà adottati mill-Kummissjoni jispeċifikaw kemm l-informazzjoni li l-impriżi fis-setturi kollha jenħtieġ li jiddivulgaw kif ukoll l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw skont is-settur tal-attività tagħhom. Jenħtieġ li l-istandards iqisu wkoll id-diffikultajiet li l-impriżi jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-ġbir ta' informazzjoni mingħand atturi tul il-katina tal-valur tagħhom, speċjalment mill-fornituri tal-SMEs **u** mill-fornituri fi swieq u f'ekonomiji emerġenti.

investituri u għal utenti oħrajn tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà adottati mill-Kummissjoni jispeċifikaw kemm l-informazzjoni li l-impriżi fis-setturi kollha jenħtieġ li jiddivulgaw kif ukoll l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw skont is-settur tal-attività tagħhom. ***L-istandards applikabbli għal impriżi f'setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli jenħtieġ li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti tar-rapportar tal-Kapitolu 10 tad-Direttiva 2013/34/UE u jirrikjedu divulgazzjonijiet fil-livell tal-proġetti. Id-divulgazzjonijiet fil-livell tal-proġetti huma kruċjali għall-investituri, li jenħtieġ li jiddivulgaw informazzjoni konsistenti u dettaljata dwar il-proġetti biex jifhemu bis-siġħ l-impatt tar-riskju finanzjarju relatat mal-klima. Id-divulgazzjoni fil-livell tal-proġetti hija daqstant ieħor kruċjali għall-komunitajiet affettwati u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' pajjiżi li għandhom ħafna riżorsi, biex jifhemu l-benefiċċji tal-attivitàjiet ekonomiċi u tal-impatt tagħhom f'termini ambjentali, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sistemi ta' governanza kif ukoll jagħmlu skrutinju ta' tali benefiċċji.*** Jenħtieġ li l-istandards iqisu wkoll id-diffikultajiet li l-impriżi jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-ġbir ta' informazzjoni mingħand atturi tul il-katina tal-valur tagħhom, speċjalment mill-fornituri tal-SMEs, mill-fornituri fi swieq u f'ekonomiji emerġenti ***jew minn fornituri li joperaw f'kundestji fraġli, żoni ta' kunflitt jew affettwati minn problemi ta' sigurtà.***

Emenda 35

Proposta għal direttiva Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni mill-utenti b'mod puntwali,

AD\1250408MT.docx

Emenda

(47) Sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' informazzjoni mill-utenti b'mod puntwali,

41/92

PE700.718v02-00

u b'mod partikolari fid-dawl tal-urġenza li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-partiċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/2088, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta l-ewwel sett ta' standards tar-rapportar **sal-31 ta' Ottubru 2022**. Jenħtieġ li dak is-sett ta' standards tar-rapportar jispeċifika l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw fir-rigward tal-oqsma ta' rapportar u tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà kollha, u li l-partiċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2088. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta t-tieni sett ta' standards tar-rapportar **sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2023**, li jispeċifikaw l-informazzjoni komplementari li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u oqsma ta' rapportar fejn meħtieġ, u l-informazzjoni li hija speċifika għas-settur li fih tkun topera impriża. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-istandards kull **tliet** snin sabiex tqis l-iżviluppi rilevanti, inkluż l-iżvilupp ta' standards internazzjonali.

u b'mod partikolari fid-dawl tal-urġenza li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-partiċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/2088, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta l-ewwel sett ta' standards tar-rapportar **fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva**. Jenħtieġ li dak is-sett ta' standards tar-rapportar jispeċifika l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw fir-rigward tal-oqsma ta' rapportar u tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà kollha, u li l-partiċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/2088. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta t-tieni sett ta' standards tar-rapportar **fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva**, li jispeċifikaw l-informazzjoni komplementari li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u oqsma ta' rapportar fejn meħtieġ, u l-informazzjoni li hija speċifika għas-settur li fih tkun topera impriża. **L-istandards għall-impriżi attivi fis-setturi ta' attività ekonomika b'riskju għoli, li fihom ir-riskji għas-sostenibbiltà huma l-aktar gravi, jenħtieġ li jiġu żviluppati bħala prijorità, b'mod partikolari għall-impriżi attivi fl-industrija estrattiva, fil-manifattura tal-ħwejjeġ u fil-produzzjoni fuq skala kbira ta' veġetali, annimali u prodotti tal-baħar**. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-istandards kull **ħames** snin sabiex tqis l-iżviluppi rilevanti, inkluż l-iżvilupp ta' standards internazzjonali. **Jenħtieġ li jsir rieżami ta' darba tal-istandards, wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni f'dik li hi diliġenza dovuta, bil-għan li jiġi żgurat allinjament kemm jista' jkun qrib bejn ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta.**

Emenda 36

Proposta għal direttiva Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(48a) Il-pjattaforma online għall-aċċess għall-informazzjoni għandha tippermetti lill-utenti jkabbli faċilment id-data divulgata mill-kumpaniji online, inkluż skont kategoriji bħal temi, setturi, pajjiżi, fatturat u għadd ta' impjegati.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(49) Sabiex tkun tista' tiġi inkluża l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà rrapportata fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-impriżi jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji annwali approvati kif xieraq u r-rapport ta' ġestjoni fil-format elettroniku stabbilit, u jiżguraw li r-rapporti ta' ġestjoni li jkun fihom ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà jsiru disponibbli, mingħajr dewmien wara l-pubblikazzjoni tagħhom, għall-mekkaniżmu rilevanti ddeżinjat uffiċjalment imsemmi fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE.

(49) Sabiex tkun tista' tiġi inkluża l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà rrapportata fil-punt ta' aċċess uniku Ewropew, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-impriżi jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji annwali approvati kif xieraq u r-rapport ta' ġestjoni fil-format elettroniku stabbilit ***b'sors miftuħ u li jinqara mill-magni***, u jiżguraw li r-rapporti ta' ġestjoni li jkun fihom ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà jsiru disponibbli, mingħajr dewmien wara l-pubblikazzjoni tagħhom, għall-mekkaniżmu rilevanti ddeżinjat uffiċjalment imsemmi fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(53) Il-professjoni tal-aċċertament tagħmel distinzjoni bejn inkarigi ta' aċċertament limitat u inkarigi ta'

(53) Il-professjoni tal-aċċertament tagħmel distinzjoni bejn inkarigi ta' aċċertament limitat u inkarigi ta'

aċċertament raġonevoli. Il-konklużjoni ta' inkarigu ta' aċċertament limitat normalment tiġi pprovduta f'forma negattiva ta' espressjoni billi jiġi ddikjarat li ma għiet identifikata l-ebda kwistjoni mill-prattikant sabiex jiġi konkluż li s-suġġett ikun iddikjarat b'mod materjalment skorrett. L-awditur jagħmel anqas testijiet milli f'inkarigu ta' aċċertament raġonevoli. Għalhekk, l-ammont ta' xogħol għal inkarigu ta' aċċertament limitat huwa anqas minn dak għal aċċertament raġonevoli. L-isforz ta' ħidma f'inkarigu ta' aċċertament raġonevoli jinvolvi proċeduri estensivi li jinkludu l-kunsiderazzjoni tal-kontrolli interni tal-impriża li tirrapporta u l-ittestjar sostantiv, u għalhekk huwa ferm oġġla milli f'inkarigu ta' aċċertament limitat. Il-konklużjoni ta' dan it-tip ta' inkarigu normalment tingħata f'forma pożittiva ta' espressjoni u tiddikjara opinjoni dwar il-kejl tas-suġġett skont kriterji ddefiniti minn qabel. L-Artikolu 19a(5) u l-Artikolu 29a(5) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tivverifika jekk ikunx ġie pprovdut ir-rapport mhux finanzjarju jew ir-rapport separat. Ma jirrikjedix li fornitur indipendenti ta' servizzi tal-aċċertament jivverifika l-informazzjoni, għalkemm jippermetti lill-Istati Membri jitolbu tali verifika fejn jixtiequ. In-nuqqas ta' rekwiżit tal-aċċertament fuq ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, b'kuntrast mar-rekwiżit li l-awditur statutorju jwettaq inkarigu ta' aċċertament raġonevoli fuq ir-rapporti finanzjarji, ikun jhedded il-kredibbiltà tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà divulgata, u b'hekk jonqos milli jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti li għalihom hija maħsuba dik l-informazzjoni. Għalkemm l-objettiv huwa li jkun hemm livell simili ta' aċċertament għar-rapportar finanzjarju u dwar is-sostenibbiltà, in-nuqqas ta' standard miftiehem b'mod komuni għall-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà joħloq ir-riskju ta' fehim u ta' aspettattivi differenti ta' f'xiex jikkonsisti

aċċertament raġonevoli. Il-konklużjoni ta' inkarigu ta' aċċertament limitat normalment tiġi pprovduta f'forma negattiva ta' espressjoni billi jiġi ddikjarat li ma għiet identifikata l-ebda kwistjoni mill-prattikant sabiex jiġi konkluż li s-suġġett ikun iddikjarat b'mod materjalment skorrett. L-awditur jagħmel anqas testijiet milli f'inkarigu ta' aċċertament raġonevoli. Għalhekk, l-ammont ta' xogħol għal inkarigu ta' aċċertament limitat huwa anqas minn dak għal aċċertament raġonevoli. L-isforz ta' ħidma f'inkarigu ta' aċċertament raġonevoli jinvolvi proċeduri estensivi li jinkludu l-kunsiderazzjoni tal-kontrolli interni tal-impriża li tirrapporta u l-ittestjar sostantiv, u għalhekk huwa ferm oġġla milli f'inkarigu ta' aċċertament limitat. Il-konklużjoni ta' dan it-tip ta' inkarigu normalment tingħata f'forma pożittiva ta' espressjoni u tiddikjara opinjoni dwar il-kejl tas-suġġett skont kriterji ddefiniti minn qabel. L-Artikolu 19a(5) u l-Artikolu 29a(5) tad-Direttiva 2013/34/UE jirrikjedu li l-Istati Membri jiżguraw li l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tivverifika jekk ikunx ġie pprovdut ir-rapport mhux finanzjarju jew ir-rapport separat. Ma jirrikjedix li fornitur indipendenti ta' servizzi tal-aċċertament jivverifika l-informazzjoni, għalkemm jippermetti lill-Istati Membri jitolbu tali verifika fejn jixtiequ. In-nuqqas ta' rekwiżit tal-aċċertament fuq ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà, b'kuntrast mar-rekwiżit li l-awditur statutorju jwettaq inkarigu ta' aċċertament raġonevoli fuq ir-rapporti finanzjarji, ikun jhedded il-kredibbiltà tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà divulgata, u b'hekk jonqos milli jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti li għalihom hija maħsuba dik l-informazzjoni. Għalkemm l-objettiv huwa li jkun hemm livell simili ta' aċċertament għar-rapportar finanzjarju u dwar is-sostenibbiltà, in-nuqqas ta' standard miftiehem b'mod komuni għall-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà joħloq ir-riskju ta' fehim u ta' aspettattivi differenti ta' f'xiex jikkonsisti

inkarigu ta' aċċertament raġonevoli għal kategoriji differenti ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, speċjalment fir-rigward ta' divulgazzjonijiet li jħarsu 'il quddiem u kwalitattivi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ progressiv biex jittejjeb il-livell tal-aċċertament meħtieġ għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, li jibda b'obbligu fuq l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar li jesprimu opinjoni dwar il-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mar-rekwiżiti tal-Unjoni abbażi ta' inkarigu ta' aċċertament limitat. Jenħtieġ li din l-opinjoni tkopri l-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mal-istandards tal-Unjoni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, il-proċess imwettaq mill-impriża sabiex tiġi identifikata l-informazzjoni rrapportata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà u l-konformità mar-rekwiżit ta' markatura tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Jenħtieġ li l-awditur jivvaluta wkoll jekk ir-rapportar tal-impriża jikkonformax mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852. Sabiex jiġi ggarantit fehim u aspettattivi komuni ta' f'xiex jikkonsisti inkarigu ta' aċċertament raġonevoli, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar jenħtieġ li **jkunu** meħtieġa jesprimu opinjoni bbażata fuq inkarigu ta' aċċertament raġonevoli dwar il-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mar-rekwiżiti tal-Unjoni, **jekk il-Kummissjoni tadotta standards ta' aċċertament raġonevoli ta' rappurtar dwar is-sostenibbiltà**. Dan jippermetti wkoll l-iżvilupp progressiv tas-suq tal-aċċertament tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, u tal-prattiki ta' rappurtar tal-impriżi. Fl-aħħar nett, dan l-approċċ progressiv idaħħal iż-żieda fil-kostijiet għall-impriżi li jirrapportaw b'mod gradwali, minħabba li aċċertament raġonevoli huwa aktar għali minn aċċertament limitat.

inkarigu ta' aċċertament raġonevoli għal kategoriji differenti ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, speċjalment fir-rigward ta' divulgazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem u kwalitattivi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ progressiv biex jittejjeb il-livell tal-aċċertament meħtieġ għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, li jibda b'obbligu fuq l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar li jesprimu opinjoni dwar il-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mar-rekwiżiti tal-Unjoni abbażi ta' inkarigu ta' aċċertament limitat. Jenħtieġ li din l-opinjoni tkopri l-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mal-istandards tal-Unjoni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, il-proċess imwettaq mill-impriża sabiex tiġi identifikata l-informazzjoni rrapportata skont l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà u l-konformità mar-rekwiżit ta' markatura tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Jenħtieġ li l-awditur jivvaluta wkoll jekk ir-rapportar tal-impriża jikkonformax mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852. Sabiex jiġi ggarantit fehim u aspettattivi komuni ta' f'xiex jikkonsisti inkarigu ta' aċċertament raġonevoli, **jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta standards ta' aċċertament għall-aċċertament raġonevoli tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà sal-31 ta' Ottubru 2023**. L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar jenħtieġ li **mbagħad ikunu** meħtieġa jesprimu opinjoni bbażata fuq inkarigu ta' aċċertament raġonevoli dwar il-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mar-rekwiżiti tal-Unjoni. Dan jippermetti wkoll l-iżvilupp progressiv tas-suq tal-aċċertament tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, u tal-prattiki ta' rappurtar tal-impriżi. Fl-aħħar nett, dan l-approċċ progressiv idaħħal iż-żieda fil-kostijiet għall-impriżi li jirrapportaw b'mod gradwali, minħabba li aċċertament raġonevoli huwa aktar għali minn

aċċertament limitat.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Premessa 57a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(57a) Jenħtieġ li jiġi żgurat livell għoli ta' indipendenza għall-operazzjonijiet tal-aċċertament tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà billi jiġi stabbilit il-prinċipju ta' inkompatibbiltà bejn inkarigu ta' awditjar statutorju u inkarigu ta' aċċertament tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà mwettaq mill-istess awditur statutorju jew ditta tal-awditjar.

Emenda 40

Proposta għal direttiva Premessa 57b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(57b) Jenħtieġ li l-korpi ta' awditjar għar-rapporti dwar is-sostenibbiltà jkollhom livell għoli ta' għarfien espert tekniku u speċjalizzat fil-qasam tas-sostenibbiltà bil-għan li jagħmlu valutazzjoni tal-informazzjoni.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(60) L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2006/43/KE jistabbilixxi regoli dwar l-awditjar statutorju ta' grupp ta' impriżi. Jenħtieġ li daww ir-regoli jiġu estenzi għall-aċċertament tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat, **fejn l-awditur**

(60) L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2006/43/KE jistabbilixxi regoli dwar l-awditjar statutorju ta' grupp ta' impriżi. Jenħtieġ li daww ir-regoli jiġu estenzi għall-aċċertament tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà kkonsolidat.

statutorju jwettaq il-verifika statutorja.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

(71) L-Istati Membri huma mistidnin jivvalutaw l-impatt tal-att tat-traspożizzjoni tagħhom fuq l-SMEs sabiex jiżguraw li huma ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, b'attenzjoni speċifika għall-mikrointrapriżi u għall-piż amministrattiv, u huma mistidnin jippubblikaw ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jappoġġaw lill-SMEs fl-applikazzjoni tal-istandards tar-rapportar **simplifikati** volontarji.

Emenda

(71) L-Istati Membri huma mistidnin jivvalutaw l-impatt tal-att tat-traspożizzjoni tagħhom fuq l-SMEs sabiex jiżguraw li huma **jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar kwistjonijiet u impatti relatati mas-sostenibbiltà iżda** ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, b'attenzjoni speċifika għall-mikrointrapriżi u għall-piż amministrattiv, u huma mistidnin jippubblikaw ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jappoġġaw lill-SMEs fl-applikazzjoni tal-istandards tar-rapportar **semplifikati** volontarji.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 Direttiva 2013/34/UE Artikolu 1 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-miżuri ta' koordinazzjoni stabbiliti mill-Artikoli 19a, 19d, 29a, 30 u 33, mill-Artikolu 34(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (aa), mill-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 34, u mill-Artikolu 51 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għall-iġijiet, għar-regolamenti u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-impriżi li ġejjin irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom:

Emenda

Il-miżuri ta' koordinazzjoni stabbiliti mill-Artikoli 19a, 19d, 29a, 30 u 33, mill-Artikolu 34(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (aa), mill-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 34, u mill-Artikolu 51 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għall-iġijiet, għar-regolamenti u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-impriżi li ġejjin, **dment li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19a(1)**, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħhom:

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 2 – punti 17 sa 20f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(2) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (17) sa (20) li ġejjin:

(17) 'fatturi ta' sostenibbiltà' tfisser fatturi ta' sostenibbiltà kif iddefiniti fil-punt (24) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{*4}, u l-fatturi ta' governanza;

(18) 'rapportar dwar is-sostenibbiltà' tfisser ir-rapportar ta' informazzjoni marbuta ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà f'konformità mal-Artikoli 19a, 19d u 29a ta' din id-Direttiva;

(19) 'intanġibbli' tfisser riżorsi mhux fiżiċi li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-valur tal-impriża;

(20) 'fornitur indipendenti ta' servizzi tal-aċċertament' tfisser korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*5 għall-attività speċifika ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 34(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (aa) ta' din id-Direttiva.

Emenda

(2) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (17) sa (20) li ġejjin:

(17) "fatturi ta' sostenibbiltà" tfisser fatturi ta' sostenibbiltà kif iddefiniti fil-punt (24) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{*4}, ***jiġifieri r-rispett tal-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, id-drittijiet tal-bniedem u l-fatturi ta' governanza, jiġifieri l-governanza korporattiva inklużi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim u r-rispett tal-istat tad-dritt u tas-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiż, tar-reġjun jew tat-territorju fejn topera l-impriża jew il-katina tal-provvista tagħha***, u l-fatturi ta' governanza;

(18) "rapportar dwar is-sostenibbiltà" tfisser ir-rapportar ta' informazzjoni marbuta ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà f'konformità mal-Artikoli 19a, 19d u 29a ta' din id-Direttiva;

(19) "intanġibbli" tfisser riżorsi mhux fiżiċi li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-valur tal-impriża ***bħall-kapital intellettwali, uman u soċjali u ta' relazzjonijiet***;

(20) "fornitur indipendenti ta' servizzi tal-aċċertament" tfisser korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*5 għall-attività speċifika ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 34(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (aa) ta' din id-Direttiva.

(20a) "settur ta' attività ekonomika b'riskju għoli" tfisser settur ta' attività ekonomika li huwa partikolarment espost għar-riskji għas-sostenibbiltà jew x'aktarx ikollu impatti reali jew severi potenzjali fuq l-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiżi, tar-reġjuni u tat-territorji fejn topera l-impriża jew joperaw il-ktajjen tal-provvista tagħha u ddefinit mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati;

(20b) "impriża b'riskju għoli" tfisser impriża attiva f'settur(i) ta' attività ekonomika b'riskju għoli ddefinit(i) mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati;

(20c) "strateġija ta' sostenibbiltà" tfisser il-pjanijiet ta' azzjoni tal-impriża biex jintlaħqu l-SDGs u miri fit-tul f'konformità mal-Aġenda 2030 tan-NU, mal-Ftehim ta' Pariġi u ma' impenji internazzjonali rilevanti oħra, kif ukoll mal-politiki u mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Din tinkludi proċessi ta' diliġenza dovuta korporattiva li għandhom l-għan li jidentifikaw u jiġġestixxu r-riskji potenzjali jew reali u l-impatti negattivi potenzjali jew reali marbuta ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(20d) "miri" tfisser indikaturi li jistgħu jitkejlu, speċifiċi, marbuta biż-żmien u, fejn applikabbli, ibbażati fuq ix-xjenza;

(20e) "miri speċifiċi li jistgħu jitkejlu bbażati fuq ix-xjenza" tfisser indikaturi li jqisu l-programm tan-NU "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli", ir-rapporti u l-analiżijiet tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-istrateġija Ewropa 2020 tal-UE;

(20f) "impatti severi" tfisser impatti negattivi fuq il-persuni, id-drittijiet fundamentali tagħhom u l-ambjent u l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tal-pajjiż, tar-reġjun u tat-territorju fejn

topera l-impriża jew il-katina tal-provvista tagħha, marbuta mal-katina tal-valur tal-impriża mill-operazzjonijiet tagħha stess, il-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha, is-sussidjarji tagħha, u l-katina tal-provvista tagħha, ibbażati fuq il-gravità tal-impatt fuq il-kwistjoni tas-sostenibbiltà, l-għadd ta' individwi li huma jew jistgħu jiġu affettwati, jew l-kobor tal-ħsara lill-ambjent; il-faċilità li biha tista' tiġi rrimedjata l-ħsara, li biha jista' jiġi ripristinat l-ambjent jew li biha l-persuni affettwati jistgħu jitreġġgħu lura għall-istat preċedenti tagħhom; u li jikkawżaw l-akbar ħsara meta mqabbla mal-impatti l-oħra li l-impriża tkun identifikat.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-impriżi kbar u, mill-1 ta' Jannar 2026, l-impriżi żgħar u ta' daqs medju li huma impriżi msemmijin fl-Artikolu 2, il-punt (1), il-punt (a), għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni l-informazzjoni neċessarja jiġu mifhumin l-impatti tal-impriża fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża.

Emenda

1. L-impriżi kbar, ***l-entitajiet ta' interess pubbliku u l-impriżi kollha msemmija fl-Artikolu 3(7) li huma rregolati mid-dritt ta' pajiż terz u mhumiex stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni meta joperaw fis-suq intern huma u jbigħu oġġetti jew ifornu servizzi fl-ambitu tal-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 19b(1), tali entitajiet irreġistrati bħala fondazzjonijiet, sħubijiet jew strutturi simili li jissodisfaw il-kriterji għal impriża*** u, mill-1 ta' Jannar 2026, l-impriżi żgħar u ta' daqs medju li huma impriżi msemmijin fl-Artikolu 2, il-punt (1), il-punt (a), ***u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju msemmija fl-Artikolu 3(2) u (3) li joperaw f'settur(i) tal-attività ekonomika b'riskju għoli ddefinit(i) mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat*** għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni l-informazzjoni neċessarja jiġu mifhumin l-

impatti tal-impriża fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-impriża **u dak tal-katina tal-provvista u tal-valur tagħha.**

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) deskrizzjoni qasira tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-impriża, inklużi:

(i) ir-reżiljenza tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-impriża għar-riskji marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(ii) l-opportunitajiet tal-impriża marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(iii) il-pjanijiet tal-impriża biex tiżgura li l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħha jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tiżhin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

Emenda

(a) deskrizzjoni qasira tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-impriża **u tal-implimentazzjoni tagħha**, inklużi:

(-i ġdid) deskrizzjoni tal-impatti negattivi fuq il-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u r-riskji għalihom, identifikati mill-impriża, u b'mod partikolari, dawk li x'aktarx iseħħu fil-ktajjen tal-provvista u tal-valur tagħhom, inkluż fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għandha tkun meħtieġa trasparenza fir-rigward tal-prodotti, tas-servizzi u tal-assi ġġenerati;

(i) ir-reżiljenza tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-impriża għar-riskji marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà **u mat-tibdil fil-klima;**

(ii) l-opportunitajiet **u r-riskji** tal-impriża marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, **u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju;**

(iii) il-pjanijiet tal-impriża biex tiżgura li l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħha jkunu kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tiżhin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

(iv) kif il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-impriża jqisu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati tal-impriża u **l-impatti** tal-impriża fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(v) kif ġiet implimentata l-istrateġija tal-impriża fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(iia) kif il-mudell u l-istrateġija tan-negozju jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn topera l-impriża jew il-ktajjen tal-provvista u tal-valur tagħha;

(iib) il-pjanijiet tal-impriża biex tiżgura li l-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħha jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema u l-komunitajiet potenzjalment affettwati;

(iv) kif il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-impriża jqisu l-interessi **u l-ħtiġijiet** tal-partijiet ikkonċernati tal-impriża, **u l-ġestjoni tar-riskju** u **tal-impatti negattivi reali jew potenzjali** tal-impriża fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà **u mat-tibdil fil-klima tul il-katina kollha tal-provvista u tal-valur;**

(v) kif ġiet implimentata l-istrateġija **ta' sostenibbiltà** tal-impriża **u r-riżultati li kisbet** fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà **u mat-tibdil fil-klima u tal-miri relatati, b'rabta mar-riskji, mal-opportunitajiet prinċipali u mal-impatti severi;**

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) deskrizzjoni tal-miri marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà stabbiliti mill-impriża u tal-progress li tkun għamlet l-impriża **fil-kisba** ta' dawk il-miri;

Emenda

(b) deskrizzjoni tal-miri **marbuta biż-żmien, iżgħar, medji u fit-tul**, marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà stabbiliti mill-impriża **biex jiġu indirizzati r-riskji u l-opportunitajiet u l-impatti tal-attivitajiet tagħha jekk tali miri humiex ibbażati fuq ix-xjenza flimkien ma' evidenza korrispondenti**, u tal-progress li tkun għamlet l-impriża **fil-ksib** ta' dawk il-miri **inkluż:**

- (i) *perkors definit b'mod ċar biex jintlaħqu l-miri u l-kalendarji korrispondenti;*
- (ii) *il-metodi, id-data ewlenija u r-raġunament użati fl-istabbiliment ta' dawn il-miri li jridu jirrispettaw il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;*
- (iii) *miri li għandhom jiġu rieżaminati minn revżuri xjentifiċi indipendenti, u magħmula disponibbli għall-pubbliku ġenerali inkluż informazzjoni fuq kif u sa liema punt l-impriża hija allinjata mal-istrateġija usa' li tikkwalifika bħala "ambjentalment sostenibbli" skont ir-Regolament (UE) 2020/852;*
- (iv) *meta rilevanti analiżi tan-nuqqas ta' progress fir-rigward ta' dawk il-miri u r-raġunijiet li jispjegaw l-impossibbiltà jew in-nuqqas li jintlaħqu miri intermedjarji u finali;*
- (vi) *l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu b'suċċess dawk il-miri inklużi l-miżuri korrettivi u deskrizzjoni tal-investimenti, tal-azzjonijiet u tal-politiki adottati.*

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) deskrizzjoni tar-rwol tal-korpi amministrattivi, manġerjali u superviżorji fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

Emenda

(c) deskrizzjoni tar-rwol **u l-kompożizzjoni** tal-korpi amministrattivi, manġerjali u superviżorji fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, **inklużi**;

(i) **il-punt sa fejn dawn il-korpi għandhom iqisu kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u, fejn xieraq, ir-riżorsi**

għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jagħmlu dan;

(ii) il-konsistenza tal-iskemi ta' remunerazzjoni tal-membri tagħhom mal-istrateġija ta' sostenibbiltà tal-kumpanija;

(iii) l-impenji fil-proċess ta' diliġenza dovuta implimentat fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u tal-effetti negattivi kif ukoll l-involvement u l-iskambji mad-diversi partijiet ikkonċernati affettwati mill-impatti identifikati;

(iv) l-impenji fl-analiżi tar-riskji u l-opportunitajiet għall-impriża fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(v) il-proċess stabbilit għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-impriża relatata ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(vi) għarfien espert dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà tal-membri tal-korpi amministrattivi, manġerjali u superviżorji u l-konsultazzjoni ta' esperti esterni;

(vi) il-kwistjonijiet indirizzati minn dawn il-korpi matul il-perjodu ta' rapportar;

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) deskrizzjoni tal-politiki tal-impriża fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

Emenda

(d) deskrizzjoni tal-politiki tal-impriża fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà **u b'mod partikolari fir-rigward tal-impatti u tal-opportunitajiet severi reali jew potenzjali identifikati;**

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) deskrizzjoni ta':
- (i) il-proċess ta' diliġenza dovuta implimentat fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

Emenda

- (e) deskrizzjoni ta':
- (i) il-proċess ta' diliġenza dovuta implimentat fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, ***b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, tad-drittijiet soċjali, tal-istat tad-dritt u tas-sistemi ta' governanza tajba u d-diliġenza dovuta tul il-katina tal-provvista u tal-valur kollha, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-konvenzjonijiet, tal-linji gwida u tal-istandards reġjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negożju, id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u l-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.***

Ir-rekwiżiti ta' rapportar fir-rigward tad-diliġenza dovuta jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-leġiżlazzjoni futura dwar id-diliġenza dovuta korporattiva.

Id-deskrizzjoni tal-proċess ta' diliġenza dovuta korporattiva għandha tinkludi bħala minimu l-informazzjoni li ġejja:

- ***l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatti negattivi reali u potenzjali kif ukoll l-assenjazzjoni ta' prijorità lilhom,***
- ***il-prevenzjoni u il-mitigazzjoni u l-waqfien ta' tali impatti,***
- ***it-traċċar tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tagħhom,***
- ***l-identifikazzjoni u l-involvement tal-persuni affettwati b'mod negattiv, u***

(ii) ***l-impatti avversi attwali*** jew potenzjali prinċipali marbutin mal-katina tal-valur tal-impriża, inklużi l-operazzjonijiet tagħha stess, il-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha;

(iii) kwalunkwe azzjoni meħuda, u r-riżultat ta' tali azzjonijiet, għall-prevenzjoni, għall-mitigazzjoni ***jew*** għar-rimedju ta' impatti ***avversi*** reali jew potenzjali;

- ***il-mekkaniżmi ta' twissija u kif jaslu u jiġu ġestiti l-ilmenti.***

(ii) ***l-impatti negattivi reali*** jew potenzjali prinċipali marbutin mal-katina ***tal-provvista u*** tal-valur tal-impriża, ***b'mod partikolari kif identifikati permezz tal-proċess ta' diliġenza dovuta***, inklużi l-operazzjonijiet tagħha stess, il-prodotti u s-servizzi tagħha, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha, ***anki fir-rigward ta':***

- ***il-persuni kollha affettwati minn tali impatti b'attenzjoni partikolari lill-persuni li spiss isibu quddiemhom diskriminazzjoni jew jinsabu b'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi, il-popli indiġeni, il-persuni li għaddejjin minn faqar jew esklużjoni soċjali, il-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabbiltà;***

- ***l-effett negattiv jew pożittiv tal-politiki, tal-prattiki u tad-deċiżjonijiet tan-negozju tal-impriża fuq il-kwistjonijiet identifikati, inkluż tal-politiki u tal-prattiki tax-xiri tal-impriża;***

(iii) kwalunkwe azzjoni meħuda, u r-riżultat ta' tali azzjonijiet, ***għall-identifikazzjoni, għall-valutazzjoni***, għall-prevenzjoni, għall-mitigazzjoni, ***għall-waqfien, għall-monitoraġġ, għall-komunikazzjoni, għall-kunsiderazzjoni, għall-indirizzar u*** għar-rimedju ta' impatti ***negattivi*** reali jew potenzjali;

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) deskrizzjoni tar-riskji ***ewlenin*** għall-impriża marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, inklużi d-

Emenda

(f) deskrizzjoni tar-riskji għall-impriża marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, inklużi d-dipendenzi

dipendenzi prinċipali tal-impriża **fuq** tali kwistjonijiet, u kif l-impriża timmaniġġja dawk ir-riskji;

prinċipali tal-impriża **minn** tali kwistjonijiet, u kif l-impriża timmaniġġja dawk ir-riskji;

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) indikaturi rilevanti għad-divulgazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (f).

Emenda

(g) indikaturi, **inklużi dawk relatati mal-prestazzjoni, mal-impatt u mar-riżultati**, rilevanti għad-divulgazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (f) **fornuti mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat**.

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha informazzjoni li tħares 'il quddiem u retrospettiva, u informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva.

Fejn xieraq, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha **informazzjoni** dwar il-katina tal-valur tal-impriża, inklużi l-operazzjonijiet, il-prodotti u s-servizzi proprji tal-impriża, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha.

Emenda

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha informazzjoni li tħares 'il quddiem u retrospettiva, u informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva. **Din għandha tkun ċara, aċċessibbli, preċiża, konċiża u affidabbli.**

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha **l-informazzjoni kollha** dwar il-katina tal-valur tal-impriża, inklużi l-operazzjonijiet, **il-forza tax-xogħol, l-investimenti, l-assi**, il-prodotti u s-servizzi proprji tal-impriża, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha u l-katina tal-provvista tagħha, **b'mod partikolari fis-setturi tal-attività ekonomika b'riskju għoli, li tkun utli biex jiġu mifhuma l-impatti u r-riskji marbuta mal-kwistjonijiet relatati mas-**

Fejn xieraq, l-informazzjoni msemija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha wkoll referenzi u spjegazzjonijiet addizzjonali għal informazzjoni oħra inkluża fir-rapport ta' ġestjoni f'konformità mal-Artikolu 19 u l-ammonti rrapportati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li titħalla barra informazzjoni relatata ma' żviluppi imminenti jew ma' kwistjonijiet li jkunu qed jiġu nneozjati f'każijiet straordinarji meta, fil-fehma debitament ġustifikata tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji, li jaġixxu fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilhom mil-liġi nazzjonali u li jkollhom responsabilità kollettiva għal dik l-opinjoni, id-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tkun tippreġudika serjament il-pożizzjoni kummerċjali tal-impriża, dment li tali ommissjoni ma tipprevenix fehim ġust u bbilanċjat tal-iżvilupp, tal-prestazzjoni u tal-pożizzjoni tal-impriża u tal-impatt tal-attività tagħha.

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

PE700.718v02-00

58/92

AD\1250408MT.docx

sostenibbiltà għall-impriża.

Fejn xieraq, l-informazzjoni msemija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha wkoll referenzi u spjegazzjonijiet addizzjonali għal informazzjoni oħra inkluża fir-rapport ta' ġestjoni f'konformità mal-Artikolu 19 u l-ammonti rrapportati fir-rapporti finanzjarji annwali.

imħassar

Emenda

3a. L-informazzjoni msemija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi ppubblikata f'taqsima partikolari tar-rapport ta' ġestjoni u f'format ekwivalenti għal dak iddefinit għall-pubblikazzjoni ta' rapporti finanzjarji, u konsistenti miegħu.

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-impriżi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 f'konformità mal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmijin fl-Artikolu 19b.

Emenda

4. L-impriżi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 f'konformità mal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmijin fl-Artikolu 19b, ***u għandhom jehmżu r-rapporti separati ta' kwalunkwe impriża sussidjarja mqassma skont il-pajjiż.***

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 49 biex tistabbilixxi u taġġorna lista ta' setturi tal-attività ekonomika b'riskju għoli ddefiniti fl-Artikolu 19a. Hija u tiddefinixxi tali lista, il-Kummissjoni għandha tqis ix-xogħol tal-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2020/852 u l-Gwida tal-OECD dwar Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, b'mod partikolari għall-industriji tal-minjieri, tal-estrazzjoni, tal-agrikoltura, tal-ħwejjeġ u ta' xedd is-saqajn, tal-finanzi u tat-trasport marittimu internazzjonali, kif ukoll gwida ta' korpi rilevanti oħra tan-NU dwar setturi speċifiċi. Il-lista ta' setturi għandha tqis il-ħtieġa ta' konsistenza mal-klassifikazzjoni NACE.

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. ***Impriża, li tkun impiża sussidjarja, għandha tiġi eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 jekk dik l-impiża u l-impiżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' impiża prinċipali oħra, imfassal f'konformità mal-Artikoli 29 u 29a. Impriża li tkun impiża sussidjarja minn impiża prinċipali li tkun stabbilita f'pajjiż terz għandha tkun eżentata wkoll mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 meta dik l-impiża u l-impiżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' dik l-impiża prinċipali u meta r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat jitfassal b'mod li jista' jitqies ekwivalenti, f'konformità mal-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti adottati skont il-punt (i) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁶, bil-mod meħtieġ mill-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 19b ta' din id-Direttiva.***

Ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tal-impiża prinċipali msemmija fis-subparagrafu 1 għandu jiġi ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 30, bil-mod stipulat mil-liġi tal-Istat Membru li permezz tiegħu hija rregolata l-impiża li hija eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4.

L-Istat Membru li ***permezz tiegħu*** tkun irregolata l-impiża li ***tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti*** fil-paragrafi 1 sa 4, jista' jirrikjedi li r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ***imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu*** jiġi ppubblikat f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru jew f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, ***u li kwalunkwe***

7.

Ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tal-impiża prinċipali għandu jiġi ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 30, bil-mod ***stabbilit*** mil-liġi tal-Istat Membru li permezz tiegħu hija rregolata l-impiża li ***li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija*** fil-paragrafi 1 sa 4.

L-Istat Membru li ***fih*** tkun irregolata l-impiża li ***tissodisfa r-rekwiżiti msemmija*** fil-paragrafi 1 sa 4, jista' jirrikjedi li r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ***ta' impiża prinċipali msemmi*** jiġi ppubblikat f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru jew f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

traduzzjoni meħtieġa f'dawk il-lingwi tkun iċċertifikata.

Ir-rapport ta' ġestjoni ta' **impriża li tkun eżentata mill-obbligi** stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 għandu jkun fih **l-informazzjoni kollha li ġejja:**

- (a) ***l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-impriża prinċipali li tirrapporta informazzjoni fil-livell tal-grupp f'konformità mal-Artikoli 29 u ma' dan l-Artikolu, jew b'mod li jista' jitleqq ekwivalenti, f'konformità mal-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti adottati skont l-Artikolu 23(4)(i) tad-Direttiva 2004/109/KE, għall-mod meħtieġ mill-istandards dwar is-sostenibbiltà adottati skont l-Artikolu 19b;***
- (b) ***il-fatt li l-impriża hija eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu.***

Emenda 58

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 19b – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49 biex ttiprovdi għal standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Dawk l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom

Ir-rapport ta' ġestjoni ta' **sussidjarja ta' impriża prinċipali suġġetta għall-obbligi** stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 għandu jkun fih **l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-impriża prinċipali li tirrapporta informazzjoni fil-livell tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 29 u 29a, jew b'mod li jista' jitleqq ekwivalenti, f'konformità mal-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont il-punt (i) tal-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2004/109/KE, għall-mod meħtieġ mill-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 19b;**

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 49 biex ttiprovdi għal standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Dawk l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għandhom

jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi għandhom jirrapportaw f'konformità mal-Artikoli 19a u 29a u, **fejn rilevanti**, għandhom jispeċifikaw l-istruttura li **fiha** għandha tiġi rrapportata dik l-informazzjoni. B'mod partikolari:

(a) **sal-31 ta' Ottubru 2022**, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jirrapportaw f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 19a, u tal-anqas tispeċifika l-informazzjoni li tikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2088.

(b) **sal-31 ta' Ottubru 2023**, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jispeċifikaw:

(i) informazzjoni komplementari li l-impriżi għandhom jirrapportaw fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u tal-oqsma ta' rapportar elenkati fl-Artikolu 19a(2), **fejn meħtieġ**;

(ii) informazzjoni li l-impriżi għandhom jirrapportaw li hija speċifika għas-settur li fih joperaw.

jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi għandhom jirrapportaw f'konformità mal-Artikoli 19a u 29a u għandhom jispeċifikaw l-istruttura **u l-format** li **fihom** għandha tiġi rrapportata dik l-informazzjoni **kif ukoll il-metodu ta' kalkolu**. B'mod partikolari:

(a) **fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva**, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jirrapportaw f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 19a, u tal-anqas tispeċifika l-informazzjoni li tikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2088.

(b) **fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva**, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jispeċifikaw:

(i) informazzjoni komplementari li l-impriżi għandhom jirrapportaw fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u tal-oqsma ta' rapportar elenkati fl-Artikolu 19a(2), **f'forma preċiża u aċċessibbli**;

(ia) **il-miri ewlenin li fuqhom l-impriżi kollha jridu jirrapportaw dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà**;

(ii) informazzjoni li l-impriżi għandhom jirrapportaw li hija speċifika għas-settur li fih joperaw. **L-istandards għall-impriżi li joperaw f'setturi b'riskju għoli għandhom jiġu żviluppati bħala prijorità**;

(iia) **l-obiettivi speċifiċi li jistgħu jitkejlu abbażi tad-data xjentifika, iddefiniti fl-Artikolu 2(20b)**;

(iib) **il-kriterji u r-regoli ta' implimentazzjoni rigward l-informazzjoni għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-SMEs imsemmija fl-Artikolu 19a(1)**;

Il-Kummissjoni għandha, tal-anqas kull **tlit** snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha, tirrieżamina kwalunkwe att delegat adottat skont dan l-Artikolu, filwaqt li tqis il-parir tekniku tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), **u** fejn neċessarju għandha temenda tali att delegat sabiex jitqiesu l-iżviluppi rilevanti, inklużi l-iżviluppi fir-rigward tal-istandards internazzjonali.

(iic) il-kriterji u r-regoli ta' implimentazzjoni għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-impriżi msemmija fl-Artikolu 3(7), li huma rregolati mil-liġi ta' pajjiż terz u li mhumiex stabbiliti fl-Unjoni meta joperaw fis-suq intern billi jbigħu oġġetti jew ifornu servizzi;

Il-Kummissjoni għandha, tal-anqas kull **ħames** snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha, tirrieżamina kwalunkwe att delegat adottat skont dan l-Artikolu, filwaqt li tqis il-parir tekniku tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), **dment li tali parir ikun ġie elaborat b'mod indipendenti filwaqt li jiżgura l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati kollha fil-proċess.** Fejn neċessarju, **il-Kummissjoni** għandha temenda tali att delegat sabiex jitqiesu l-iżviluppi rilevanti, inklużi l-iżviluppi fir-rigward tal-istandards internazzjonali. **Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' darba tal-atti delegati msemmija hawn fuq wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni futura dwar id-diliġenza dovuta korporattiva.**

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 2 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni li trid tiġi rrapportata tkun tinftiehem, rilevanti, rappreżentattiva, verifikabbli, komparabbli, u hija rrappreżentata b'mod leali.

Emenda

L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirrikjedu li l-informazzjoni li trid tiġi rrapportata tkun tinftiehem, **konċiża, aċċessibbli, preċiża**, rilevanti, rappreżentattiva, verifikabbli, **affidabbli**, komparabbli, u hija rrappreżentata b'mod leali.

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta applikabbli, l-informazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza u tkun tista' titkejjel. L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirrikjedu lill-impriżi jiddivulgaw l-informazzjoni kuntestwali kollha neċessarja biex tinftiehem l-informazzjoni rrapportata.

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jiddivulgaw dwar il-fatturi ambjentali, inkluża informazzjoni dwar:
- (i) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;
- (ii) l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (iii) ***ir-riżorsi*** tal-ilma u tal-baħar;

- (a) jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jiddivulgaw dwar il-fatturi ambjentali, inkluża informazzjoni dwar:
- (i) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ***inklużi t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u spjegazzjoni sostanzjata dwar l-allinjament tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-impriża mal-għan relatati mal-limitazzjoni tat-tisħin globali ta' 1,5 °C;***
- (ii) l-adattament għat-tibdil fil-klima, ***inklużi l-identifikazzjoni tar-riskji skont xenarji klimatiċi, miri u pjanijiet ta' tranżizzjoni dettaljati differenti biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji;***
- (iii) ***l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma, tal-ħamrija, tal-art u tal-baħar, inkluża informazzjoni dwar il-bidliet fil-kwalità jew fil-kwantità ta' dawk ir-riżorsi, u l-aċċess ġust għal dawk ir-***

- (iv) ***l-użu*** tar-riżorsi u ***l-ekonomija*** ċirkolari;
- (v) it-tniġġis;
- (vi) il-bijodiversità u l-ekosistemi;

riżorsi minn utenti oħra u partijiet ikkonċernati lokali;

- (iv) ***il-miri biex jiġi limitat l-użu*** tar-riżorsi u ***l-applikazzjoni tal-ekonomija*** ċirkolari;
- (v) it-tniġġis ***tat-tipi kollha, fosthom it-tniġġis tal-plastik, it-tniġġis tal-ilma, tal-arja u tal-ħamrija, it-tniġġis diffuż;***
- (vi) il-bijodiversità u l-ekosistemi, ***inklużi miri biex jitnaqqsu d-deforestazzjoni u l-impatti fuq il-fawna selvaġġa;***
- (via) ***it-trattament xieraq tal-annimali, inklużi l-kundizzjonijiet ta' għajxien u trasport;***

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jiddivulgaw dwar il-fatturi soċjali, inkluża informazzjoni dwar:
 - (i) ***l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-paga ugwali għal xogħol ugwali, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-impjiegi u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità;***

Emenda

- (b) jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi jridu jiddivulgaw dwar il-fatturi soċjali, inkluża informazzjoni dwar:
 - (i) ***il-forza tax-xogħol tal-impriża, inkluża data pajjiż b'pajjiż dwar:***
 - ***il-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol u d-diversità fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-użu ta' xogħol okkażjonali,***
 - ***l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inklużi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali kif ukoll it-trasparenza fil-pagi,***
 - ***il-livelli tal-pagi diżaggregati skont il-***

ġeneru, il-kwartili, il-kategorija ta' okkupazzjoni, u t-tqabbil mal-livelli tal-paga minima applikabbli u mal-pagi li jiggarrantixxu l-għajxien,

- il-libertà ta' assoċjazzjoni, kopertura b'negozjar kollettiv, prattiki ta' djalogu soċjali u l-konsultazzjoni, l-informazzjoni u l-involviment tal-ħaddiema,

- il-kundizzjonijiet ta' xogħol, inklużi impjiegi sikuri, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u ambjent tax-xogħol san, sikur u adattat sew, inkluża d-data dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-programmi ta' sikurezza, bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 89/391,

- l-impjiegi u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità,

- it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet imqassma skont is-siġhat, il-ġeneru u l-kategorija tal-ħaddiema u l-medja tan-nefqa għat-taħriġ għal kull ħaddiem,

- il-miżuri meħuda biex jonqsu l-inugwaljanzi,

- id-diversità fil-livelli kollha ta' ġestjoni, b'mod partikolari n-numru ta' nisa fuq il-bordijiet, u l-forza tax-xogħol mqassma skont il-ġeneru, l-età, l-orijini etnika u fatturi rilevanti oħra possibbli;

(ii) il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-impjiegi siguri u adattabbli, il-pagi, id-djalogu soċjali, in-negozjar kollettiv u l-involviment tal-ħaddiema, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u ambjent tax-xogħol f'saħħtu, sikur u adattat sew;

(ii) il-ħaddiema fil-katina tal-valur, inklużi:

- data speċifika għas-settur dwar il-ħaddiema fil-ktajjen tal-valur assoċjata ma' probabbiltà għolja ta' impatti negattivi reali jew potenzjali, li tikkorrispondi għad-data dwar il-forza tax-xogħol tal-impriża;

- informazzjoni dwar l-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk li jikkonċernaw ix-xogħol furzat, it-tħaddim tat-tfal, il-privatezza, il-libertà ta'

(iii) ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għal-libertajiet fundamentali, għall-prinċipji demokratiċi u għall-istandards stabbiliti fil-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u f'konvenzjonijiet *ewlenin oħrajn* tan-NU *dwar id-drittijiet* tal-bniedem, fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u fil-konvenzjonijiet *fundamentali* tal-ILO u *fil-Karta* tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

espressjoni, l-aċċess għal ilma nadif u s-sanità, u alloġġi adegwati, u

- informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-kostijiet lavorattivi, iż-żminijiet għall-pagamenti u l-kanċellazzjonijiet fil-politiki u l-prattiki tax-xiri.

(iii) ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għal-libertajiet fundamentali, għall-prinċipji demokratiċi u għall-istandards stabbiliti fil-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u f'konvenzjonijiet *fundamentali oħra* tan-NU *fil-qasam tad-drittijiet* tal-bniedem, fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u fil-konvenzjonijiet *rilevanti* tal-ILO *u b'mod partikolari il-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Soċjali Ewropea, il-Karta* tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, *il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-protokoll addizzjonali tagħha, il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus), id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u l-prinċipju tagħha ta' Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat, il-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Popli Indiġeni u Tribali f'Pajjiżi Indipendenti, 1989, u r-riżoluzzjoni 48/13 adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Ottubru 2021 dwar id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif u tajjeb għas-saħħa;*

(iiia) il-katina tal-valur tal-impriża marbuta ma' impatti negattivi reali u

potenzjali fuq il-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, inkluża informazzjoni speċifika għas-settur dwar fornituri, tipi ta' prodotti u servizzi furnuti, u dwar is-sors u t-traċċabbiltà ta' komoditajiet u materjali assoċjati ma' probabbiltà għolja ta' impatti negattivi reali jew potenzjali fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(iib) il-komunitajiet affettwati, inkluża informazzjoni dwar:

- il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-impriża jew mill-ktajjen tal-provvista u tal-valur tagħhom,

- ir-rispett għad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-impriża dwar id-dritt għal kunsens liberu minn qabel u infurmat,

- is-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà tal-persuni; il-libertà ta' għaqda u l-libertà ta' espressjoni,

- l-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem relatati mal-art u mal-aċċess għall-ilma, u

- l-impatti ekonomiċi fuq il-komunitajiet;

(iic) l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-proċess ta' diliġenza dovuta tal-impriża.

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi għandhom jiddivulgaw dwar il-fatturi ta' governanza, inkluża informazzjoni dwar:

(i) ir-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tal-impriża, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati

Emenda

(c) jispeċifikaw l-informazzjoni li l-impriżi għandhom jiddivulgaw dwar il-fatturi ta' governanza, inkluża informazzjoni dwar:

(i) ir-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tal-impriża, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati

mas-sostenibbiltà, u l-kompożizzjoni tagħhom;

(ii) l-etika tan-negozju u l-kultura korporattiva, inklużi ***l-ġlieda*** kontra l-korruzzjoni u l-***ġlieda*** kontra t-tixħim;

(iii) l-impenji politiċi tal-impriża, inklużi l-attivitajiet ta' ***lobbjar*** tagħha;

(iv) ***il-ġestjoni*** u l-kwalità tar-relazzjonijiet ***mas-sħab kummerċjali***, inklużi l-prattiki ***tal-pgamenti***;

(v) is-sistemi ta' kontroll interni u ta' mmaniġġjar tar-riskji tal-impriża, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' rapportar tal-impriża.

mas-sostenibbiltà, ***l-involvement u l-implimentazzjoni korretta tal-istrateġija tad-diliġenza dovuta, inkluż l-involvement mal-partijiet ikkonċernati affettwati mill-impatti identifikati*** u l-kompożizzjoni tagħhom;

(ia) ir-rispett tad-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni kif iddefinit mid-dritt nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni;

(ii) l-etika tan-negozju u l-kultura korporattiva, inklużi ***l-politiki dwar il-ġlieda*** kontra l-korruzzjoni u l-***ġlieda*** kontra t-tixħim, ***il-valutazzjonijiet u l-programm tar-riskji u dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol, kontra l-fastidju u l-mekkaniżmi u l-arranġamenti ta' allerta interni fi ħdan l-impriża għall-protezzjoni tal-informaturi ta' irregolaritajiet;***

(iii) l-impenji politiċi ***u strateġiċi u l-inflwenza*** tal-impriża, inklużi l-attivitajiet ta' ***lobbying diretti u indiretti*** tagħha, ***l-ispejjeż u d-donazzjonijiet politiċi;***

(iiia) il-ġestjoni u l-kwalità tar-relazzjonijiet mal-atturi tal-Istat u b'mod partikolari mal-amministrazzjonijiet pubbliċi, u l-informazzjoni dwar il-prattiki proċedurali amministrattivi pubbliċi inkluż l-akkwist pubbliku;

(iv) ***il-ġestjoni tas-sħab kummerċjali*** u l-kwalità tar-relazzjonijiet, inklużi l-prattiki ***tal-pagamenti u tax-xiri, b'mod partikolari fil-konfront tal-SMEs;***

(iva) il-litigazzjoni korporattiva u Prattiki alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim;

(ivb) Prattiki tat-taxxa mqassma skont il-pajjiż;

(ivc) Prattiki ta' sigurtà;

(v) is-sistemi ta' kontroll interni u ta' mmaniġġjar tar-riskji tal-impriża, inkluż fir-rigward tal-proċess ta' rapportar tal-impriża ***u l-implimentazzjoni tal-***

istrateġija tad-diliġenza dovuta;

(va) l-impenn sinifikattiv tal-impriża mas-soċjetà ċivili, mal-komunitajiet lokali, mal-atturi informali, mal-istrutturi dwar kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, speċjalment miżuri ta' tranżizzjoni ġusti u l-iskop soċjali tal-impriża;

(vb) informazzjoni dwar is-sjeda benefiċjarja u l-istruttura organizzattiva, inklużi sussidjarji, affiljati, impriżi konġunti u parteċipazzjonijiet mhux konsolidati bis-sħiħ,

(vc) l-istrateġija u l-prattiki ta' komunikazzjoni korporattiva u ta' informazzjoni;

(vd) ir-rispett għall-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tal-pajjiż, tar-reġjun jew tat-territorju fejn topera l-impriża u l-katina tal-valur u tal-provvista tagħha u l-impatt fuq l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba.

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-impriżi soġġetti għal obbligu li jippreparaw u jagħmlu pubbliku rapport dwar il-pagamenti li jsiru lill-gvernijiet skont l-Artikolu 42 għandhom jiddivulgaw, fil-livell tal-proġett kif iddefinit fl-Artikolu 41(4), id-dokumenti u d-data kollha meħtieġa biex jifhmu r-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom skont l-Artikolu 19a. Dawn id-dokumenti għandhom jinkludu:

(a) il-kuntratti, il-liċenzji, il-lokazzjonijiet u l-konċessjonijiet kollha inklużi l-annessi u l-emendi, li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet marbuta

mal-isfruttament tal-gass taż-żejt u tar-riżorsi minerali;

(b) kwalunkwe ftehim, jew sett ta' ftehimiet li jinvolve l-forniment ta' oġġetti u servizzi, inklużi self, għotjiet u xogħlijiet infrastrutturali, bi skambju sħiħ jew parzjali għal konċessjonijiet ta' esplorazzjoni jew produzzjoni ta' żejt, gass jew b'estraxxjoni jew il-konsenja fiżika ta' tali materja prima;

(c) kwalunkwe ftehim li jipprevedi n-nefqa soċjali mill-kumpaniji; u

(d) kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt ambjentali u/jew soċjali.

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. L-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, ibbażat fuq informazzjoni kwalitattiva u indikaturi, li jagħmel l-informazzjoni divulgata dwar is-sostenibbiltà komparabbli bejn il-kumpaniji u jippermetti l-klassifikazzjoni kwantitattiva tal-prestazzjoni tas-sostenibbiltà korporattiva bħala bażi għall-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat u miżuri politiċi oħra.

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Meta tadotta atti delegati skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis:

3. Meta tadotta atti delegati skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha ***tiżgura l-konsistenza mal-ħidma tagħha stess u mal-ħidma ta' inizjattivi globali ta' ffissar ta' standards għar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, standards u oqfsa eżistenti għall-kontabbiltà tal-kapital naturali, l-imġiba responsabbli fin-negozju, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-governanza korporattiva sostenibbli u żvilupp sostenibbli ieħor. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha*** tqis:

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-kriterji stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852^{*7};

^{*7} Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19b – paragrafu 3 – punt ħa (ġdid)

Emenda

(c) il-kriterji stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) 2020/852^{*7}, ***li l-fattibbiltà fil-prattika u, permezz ta' mudelli u eżempji konkreti, huma żgurati mill-Kummissjoni;***

^{*7} Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(ħa) id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni^{1a}.

^{1a} *Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).*

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 19d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-impriżi soġġetti għall-Artikolu 19a għandhom iħejju r-rapporti finanzjarji tagħhom u r-rapport ta' ġestjoni tagħhom f'format elettroniku uniku għar-rapportar f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815*¹⁵ u għandhom jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom, inklużi d-divulgazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, f'konformità ma' dak ir-Regolament Delegat.

Emenda

1. L-impriżi soġġetti għall-Artikolu 19a għandhom iħejju r-rapporti finanzjarji tagħhom u r-rapport ta' ġestjoni tagħhom f'format elettroniku uniku għar-rapportar f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815*¹⁵ u għandhom jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom, inklużi d-divulgazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, f'konformità ma' dak ir-Regolament Delegat *kif ukoll mar-Regolamenti l-oħra msemmija fl-Artikolu 19b.*

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità applikata fir-rigward tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tal-impriża fir-rigward ***tal-ġeneru*** u ta' aspetti oħrajn bħall-età jew l-isfond edukattiv u professjonali, l-oġettivi ta' dik il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rapportar. ***Jekk ma tiġi applikata l-ebda tali politika, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni dwar għalfejn dan huwa l-każ.***

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-impriżi prinċipali ta' grupp kbir għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat l-informazzjoni meħtieġa sabiex jinftiehem l-impatti tal-grupp fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-grupp.

Emenda 72

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Emenda

(g) deskrizzjoni tal-politika dwar id-diversità ***u l-inklużjoni*** applikata fir-rigward tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji tal-impriża fir-rigward ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kontra d-diskriminazzjoni, appoġġ għall-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabbiltà***, u ta' aspetti oħrajn bħall-età jew l-isfond edukattiv u professjonali, l-oġettivi ta' dik il-politika dwar id-diversità, kif ġiet implimentata u r-riżultati fil-perjodu tar-rapportar.

Emenda

1. L-impriżi prinċipali ta' grupp kbir għandhom jinkludu fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat l-informazzjoni meħtieġa sabiex jinftiehem l-impatti tal-grupp fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, u l-informazzjoni, ***imqasma skont il-pajjiż***, neċessarja sabiex jiġi mifhum kif kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà jaffettwaw l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-grupp. ***Tali informazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'taqsima partikolari tar-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat u f'format komparabbli għal dak iddefinit għall-pubblikazzjoni ta' rapporti finanzjarji, u konsistenti miegħu.***

Test propost mill-Kummissjoni

(a) deskrizzjoni qasira tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-grupp, inklużi:

(i) ir-reżiljenza tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-grupp għar-riskji marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(ii) l-opportunitajiet għall-grupp marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(iii) il-pjanijiet tal-grupp biex jiżgura li l-mudell u l-istrateġija tal-grupp huma kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

(iv) kif il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-grupp jqisu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati tal-grupp u l-impatti tal-grupp fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(v) kif ġiet implimentata l-istrateġija tal-grupp fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

Emenda

(a) deskrizzjoni qasira tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-grupp, inklużi:

(i) ir-reżiljenza tal-mudell u tal-istrateġija tan-negozju tal-grupp għar-riskji marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà **u mat-tibdil fil-klima**;

(ii) l-opportunitajiet **u r-riskji** għall-grupp marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà **u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju**;

(iia) **il-valutazzjoni min-naħa tal-impriża tal-impatti tagħha fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà**;

(iii) il-pjanijiet tal-grupp biex jiżgura li l-mudell u l-istrateġija tal-grupp huma kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

(iv) kif il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-grupp jqisu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati tal-grupp, **b'referenza speċjali għal jekk sarux konsulatazzjonijiet diretti mal-partijiet ikkonċernati biex tali informazzjoni tiġi identifikata**, u l-impatti tal-grupp fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, **inklużi l-miżuri tal-grupp maħsuba biex jiżguraw id-drittijiet tal-ħaddiema, kundizzjonijiet ta' xogħol dinjituż, pagi ġusti, taħriġ u edukazzjoni ulterjuri għall-ħaddiema, informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema u ħarsien tad-drittijiet tat-trade unions**;

(v) kif **il-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u l-miri reletati, b'rabta mar-riskji, mal-opportunitajiet u prinċipali, u l-impatti severi, ġew integrati fl-istrateġija tal-grupp u kif ġiet implimentata l-istrateġija tal-grupp fir-rigward ta'**

kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà **u mat-tibdil fil-klima.**

Emenda 73

Proposta għal direttiva

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) deskrizzjoni tal-miri **marbutin ma' kwistjonijiet** relatati mas-sostenibbiltà **stabbiliti mill-grupp** u tal-progress tal-impriża **fil-kisba** tagħhom;

Emenda

(b) deskrizzjoni tal-miri **fuq terminu qasir, medju u fit-tul ibbażati fuq ix-xjenza u marbuta biż-żmien stabbiliti mill-grupp biex jindirizza r-riskji, l-opportunitajiet prinċipali u l-impatti tal-attivitajiet tiegħu fir-rigward tal-kwistjonijiet** relatati mas-sostenibbiltà, **fliemkjen mal-evidenza korrispondenti** u tal-progress tal-impriża **fil-ksib** tagħhom;

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) deskrizzjoni tar-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

Emenda

(c) deskrizzjoni tar-rwol tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, **inkluż fir-rigward ta':**

(i) il-kwistjonijiet indirizzati minn dawn il-korpi matul il-perjodu ta' rapportar;

(ii) l-involviment tagħhom fil-proċess ta' diliġenza dovuta implimentat fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà biex jiġu identifikati impatti negattivi, inkluż kwalunkwe involviment dirett mal-partijiet ikkonċernati affettwati mill-impatti identifikati;

(ii) l-involviment tagħhom fl-analiżi tar-riskji u tal-opportunitajiet prinċipali

għall-impriża fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(iii) l-approvazzjoni tal-istrateġija u tal-miri tal-impriża fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u tar-riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tagħhom;

(iv) sorveljanza speċifika dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-impriża fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

(v) għarfien espert dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà li għandhom il-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji u l-konsultazzjoni ta' esperti esterni;

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) deskrizzjoni ta':
- (i) *il-proċess* ta' diliġenza dovuta implimentat fir-rigward ta' *kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà*;

Emenda

- (e) deskrizzjoni ta':
- (i) *il-proċess* ta' diliġenza dovuta implimentat fir-rigward *tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u s-sistemi ta' governanza tajba tul il-katina tal-provvista u tal-valur kollha, fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-ħaddiema, kif ukoll pjanijiet biex jiġu eliminati t-thaddiem tat-tfal u x-xogħol furzat, f'konformità mal-konvenzjonijiet, mal-linji gwida u mal-istandards reġjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Gwida tal-OECD dwar Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol,*

il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea i bi qbil mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għad-diliġenza dovuta (Direttiva (UE) XX/XX);

Ir-rekwiżiti ta' rapportar fir-rigward tad-diliġenza dovuta għandhom ikunu bbażati fuq il-leġiżlazzjoni futura dwar id-diliġenza dovuta korporattiva.

(ia) l-istruttura tal-katina tal-valur tal-impriża inkluż permezz tal-immappjar tal-operazzjonijiet, is-sussidjarji, il-fornituri u r-relazzjonijiet ta' negozju tagħha stess. L-informazzjoni divulgata għandha tinkludi l-ismijiet, il-postijiet, it-tipi ta' prodotti u s-servizzi furnuti;

(ii) *l-impatti avversi attwali* jew potenzjali *prinċipali* marbutin mal-katina tal-valur tal-grupp, inklużi l-operazzjonijiet tiegħu stess, il-prodotti u s-servizzi tiegħu, ir-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu u l-katina tal-provvista tiegħu;

(ii) *l-impatti negattivi reali* jew potenzjali marbutin mal-katina tal-valur tal-grupp, *kif identifikati permezz tal-proċess ta' diliġenza dovuta*, inklużi l-operazzjonijiet tiegħu stess, il-prodotti u s-servizzi *tiegħu, is-sussidjarji* tiegħu, ir-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu u l-katina tal-provvista tiegħu, *inkluż fir-rigward tal-persuni affettwati kollha minn dawn l-impatti, b'attenzjoni partikolari għal dawk li spiss isibu quddiemhom diskriminazzjoni jew ikunu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi, il-popli indiġeni, il-persuni li jkunu għaddejjin minn faqar jew esklużjoni soċjali, il-persuni LGBTIQ jew il-persuni b'diżabbiltà; l-effett tal-politiki, tal-prattiki u tad-deċiżjonijiet tan-negozju tal-impriża fuq il-kwistjonijiet identifikati, inkluż tal-politiki u tal-prattiki tax-xiri tal-impriża;*

(iii) *kwalunkwe* azzjoni meħuda, u r-riżultat ta' tali azzjonijiet, għall-prevenzjoni, għall-mitigazzjoni jew għar-rimedju ta' impatti *avversi* reali jew potenzjali;

(iii) *kwalunkwe* azzjoni meħuda, u r-riżultat ta' tali azzjonijiet, *għall-identifikazzjoni, għall-valutazzjoni, għall-prevenzjoni, għall-mitigazzjoni, għall-waqfien, għall-monitoraġġ, għall-komunikazzjoni, għall-kunsiderazzjoni, għall-indirizzar* jew għar-rimedju ta' impatti *negattivi* reali jew potenzjali;

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) deskrizzjoni tar-riskji **ewlenin** għall-grupp marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, inklużi d-dipendenzi **prinċipali** tal-grupp **fuq** tali fatturi, u kif il-grupp jimmaniġġja dawk ir-riskji;

Emenda

(f) deskrizzjoni tar-riskji għall-grupp marbutin ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, inklużi d-dipendenzi tal-grupp **minn** tali fatturi, u kif il-grupp jimmaniġġja dawk ir-riskji;

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) indikaturi rilevanti għad-divulgazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (f).

Emenda

(g) indikaturi rilevanti għad-divulgazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) sa (f) **li huma fornuti mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat f'kollaborazzjoni mal-parir tekniku tal-EFRAG.**

Emenda 78

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha informazzjoni li tħares 'il quddiem u informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi, **u informazzjoni** kwalitattiva u kwantitattiva. Din l-informazzjoni għandha tqis l-orizzonti qosra, medji u fit-tul, fejn

Emenda

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha informazzjoni li **kemm jista' jkun** tħares 'il quddiem u informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi, **f'forma** kwalitattiva u kwantitattiva. Din l-informazzjoni għandha tqis l-orizzonti

xieraq.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi informazzjoni dwar il-katina tal-valur tal-grupp, inklużi l-operazzjonijiet tiegħu stess, il-prodotti u s-servizzi tiegħu, ir-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu u l-katina tal-provvista tiegħu, fejn xieraq.

Fejn xieraq, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi wkoll referenzi u spjegazzjonijiet addizzjonali għal informazzjoni oħra inkluża fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat f'konformità mal-Artikolu 29 ta' din id-Direttiva u l-ammonti rrapportati fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li titħalla barra informazzjoni relatata ma' żviluppi imminenti jew ma' kwistjonijiet li jkun qed jiġu nnegozjati f'każijiet straordinarji meta, fil-fehma debitament ġustifikata tal-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali u superviżorji, li jaġixxu fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilhom mil-liġi nazzjonali u li jkollhom responsabilità kollettiva għal dik l-opinjoni, id-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tkun tippreġudika serjament il-pożizzjoni kummerċjali tal-grupp, dment li tali ommissjoni ma tipprevenix fehim ġust u bbilanċjat tal-iżvilupp, tal-prestazzjoni u tal-pożizzjoni tal-grupp u tal-impatt tal-attività tiegħu.

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 29a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. ***impreża prinċipali li hija wkoll***

qosra, medji u fit-tul, fejn xieraq.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi informazzjoni dwar il-katina tal-valur tal-grupp, inklużi l-operazzjonijiet, ***il-forza tax-xogħol, l-investimenti u l-assi tiegħu stess kif ukoll il-prodotti*** u s-servizzi tiegħu, ir-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu u l-katina tal-provvista tiegħu, fejn xieraq.

Fejn xieraq, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi wkoll referenzi u spjegazzjonijiet addizzjonali għal informazzjoni oħra inkluża fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat f'konformità mal-Artikolu 29 ta' din id-Direttiva u l-ammonti rrapportati fir-rapporti finanzjarji kkonsolidati.

Emenda

7.

impriża sussidjarja għandha tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4, jekk dik l-impriża prinċipali eżentata u s-sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' impriża oħra mfassal f'konformità mal-Artikolu 29 u ma' dan l-Artikolu. Impriża prinċipali li tkun impriża sussidjarja minn impriża prinċipali li tkun stabbilita f'pajjiż terz għandha tkun eżentata wkoll mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 meta dik l-impriża u l-impriżi sussidjarji tagħha jkunu inklużi fir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' dik l-impriża prinċipali u meta r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat jitfassal b'mod li jista' jitqies ekwivalenti, f'konformità mal-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti adottati skont l-Artikolu 23(4)(i) tad-Direttiva 2004/109/KE, bil-mod meħtieġ mill-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 19b ta' din id-Direttiva.

Ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tal-impriża prinċipali msemmi fis-subparagrafu 1 għandu jiġi ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 30, bil-mod stipulat mil-liġi tal-Istat Membru li biha hija rregolata l-impriża prinċipali li hija eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4.

L-Istat Membru li permezz tiegħu tkun irregolata l-impriża prinċipali li tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4, jista' jirrikjedi li r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jiġi ppubblikat f'lingwa uffiċjali tiegħu jew f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, u li kwalunkwe traduzzjoni meħtieġa f'dawk il-lingwi tkun iċċertifikata.

Ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' impriża prinċipali li tkun eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 għandu jkun fih l-informazzjoni kollha li ġejja:

Ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tal-impriża prinċipali msemmi fis-subparagrafu 1 għandu jiġi ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 30, bil-mod stabbilit mil-liġi tal-Istat Membru li biha hija rregolata l-impriża prinċipali li hija suġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4.

L-Istat Membru li permezz tiegħu tkun irregolata l-impriża prinċipali jista' jirrikjedi li r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' **tali impriża prinċipali** jiġi ppubblikat f'lingwa uffiċjali tiegħu jew f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

Ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat ta' sussidjarji ta' impriża prinċipali li jkunu suġġetti għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 għandu jkun fih l-isem u l-uffiċċju

reġistrat tal-impriża prinċipali li tirrapporta informazzjoni fil-livell tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 29 u ma' dan l-Artikolu, jew b'mod li jista' jitqies ekwivalenti, f'konformità mal-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti adottati skont l-Artikolu 23(4)(i) tad-Direttiva 2004/109/KE, għall-mod meħtieġ mill-istandards dwar is-sostenibbiltà adottati skont l-Artikolu 19b;

(a) l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-impriża prinċipali li tirrapporta informazzjoni fil-livell tal-grupp f'konformità mal-Artikoli 29 u ma' dan l-Artikolu, jew b'mod li jista' jitqies ekwivalenti, f'konformità mal-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti adottati skont l-Artikolu 23(4)(i) tad-Direttiva 2004/109/KE, għall-mod meħtieġ mill-istandards dwar is-sostenibbiltà adottati skont l-Artikolu 19b;

(b) il-fatt li l-impriża hija eżentata mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 30 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw impriżi mill-obbligu li jippubblikaw ir-rapport ta' ġestjoni, fejn kopja tar-rapport kollu jew parti minnu tista' tinkiseb faċilment meta tintalab bi prezz li ma jaqbiżx il-kost amministrattiv tagħha."

imħassar

Emenda 81

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) fejn applikabbli, jesprimu opinjoni bbażata fuq inkarigu ta' aċċertament **limitat** fir-rigward tal-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, inkluża l-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mal-istandards tar-rapportar adottati skont l-Artikolu 19b, il-proċess imwettaq mill-impriża sabiex tidentifika l-informazzjoni rrapportata skont dawk l-istandards tar-rapportar, u l-konformità mar-rekwiżit ta' markatura tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f'konformità mal-Artikolu 19d, u fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tar-rapportar tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852.;

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri **jistgħu** jippermettu lil fornitur indipendenti ta' servizzi tal-aċċertament jesprimi l-opinjoni msemmija fil-punt (aa) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, dment li dan ikun soġġett għal rekwiżiti konsistenti ma' dawk stabbiliti fid-Direttiva 2006/43/KE fir-rigward tal-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà kif iddefinit fil-punt (r) tal-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva.

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b

Emenda

(aa) fejn applikabbli, jesprimu opinjoni bbażata fuq inkarigu ta' aċċertament **raġonevoli** fir-rigward tal-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, inkluża l-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mal-istandards tar-rapportar adottati skont l-Artikolu 19b, il-proċess imwettaq mill-impriża sabiex tidentifika l-informazzjoni rrapportata skont dawk l-istandards tar-rapportar, u l-konformità mar-rekwiżit ta' markatura tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f'konformità mal-Artikolu 19d, u fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tar-rapportar tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852.;

Emenda

3. L-Istati Membri **għandhom** jippermettu lil fornitur indipendenti ta' servizzi tal-aċċertament jesprimi l-opinjoni msemmija fil-punt (aa) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, dment li dan ikun soġġett għal rekwiżiti konsistenti ma' dawk stabbiliti fid-Direttiva 2006/43/KE fir-rigward tal-aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà kif iddefinit fil-punt (r) tal-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva.

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tadotta atti delegati skont l-Artikoli 19b u 19c, il-Kummissjoni għandha tqis il-parir tekniku mill-EFRAG, dment li tali parir ikun ġie żviluppat bi proċess xieraq, b'sorveljanza pubblika u bi trasparenza u bl-għarfien espert tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u jkun akkumpanjat minn analiżijiet ***tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji li jinkludu analiżijiet tal-impatti tal-parir tekniku fuq kwistjonijiet ta' sostenibbiltà.***

Emenda

Meta tadotta atti delegati skont l-Artikoli 19b u 19c, il-Kummissjoni għandha ***tiggarantixxi l-involviment tat-trade unions. Għandha tinkludi wkoll partijiet ikkonċernati u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti l-oħra. Tista' tqis il-parir tekniku mill-EFRAG, dment li tali parir ikun ġie żviluppat minn korp konsultattiv tekniku indipendenti ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u finanzjarjament indipendenti minn partijiet ikkonċernati privati. Il-parir tekniku għandu jiġi żviluppat bi proċess xieraq, b'sorveljanza pubblika u bi trasparenza u bl-għarfien espert u l-parteċipazzjoni diretta u bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u t-trade unions b'mod partikolari. Il-parir tekniku għandu jkopri l-kwistjonijiet kollha relatati mas-sostenibbiltà deskritti fl-Artikoli 19a u 19b u għandu jkun akkumpanjat minn analiżijiet li jbbilanċjaw l-kostijiet tar-rapportar għall-impriżi tal-parir tekniku fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà mal-benefiċċji għall-utenti u l-għanijiet tal-politika pubblika.***

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 49 – paragrafu 3a – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tagħti aċċess immedjat lill-esperti tal-Parlament u tal-Kunsill għad-dokumenti kollha u għall-laqgħat ta' tħejjija tal-atti delegati.

Emenda 85

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 49 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3(13), l-Artikolu 46(2) u l-Artikolu 19b u l-Artikolu 19c għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' **xahrejn** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jinformaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3(13), l-Artikolu 46(2) u l-Artikolu 19b u l-Artikolu 19c għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' **erba' xhur** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jinformaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Fl-atti delegati kollha elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni u l-korpi konsultattivi tagħha għandhom jiżguraw approċċ ikkoordinat u skalat għall-implimentazzjoni biex jiżguraw kwalità għolja, affidabbiltà u implimentabbiltà tar-rapportar u tad-data.

Emenda 86

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli u n-natura tal-ksur;

Emenda

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli, ***inklużi d-diretturi tal-kumpanija***, u n-natura tal-ksur;

Emenda 87

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 51 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri jistgħu jinkludu penali oħrajn bħal:

(a) l-esklużjoni mid-dritt għal għajnuna jew benefiċċji pubbliċi;

(b) esklużjoni temporanja jew permanenti mill-aċċess għall-finanzjamenti pubbliċi, inklużi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, għotjiet u konċessjonijiet;

(c) skwalifika temporanja jew permanenti mill-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali.

Emenda 88

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 51 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-kapaċità mnaqqsa tal-persuni u tal-organizzazzjonijiet affettwati, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-sħab soċjali, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent u l-attivisti kontra l-korruzzjoni, li jżommu impriżi responsabbli għall-impatti tagħhom fuq il-persuni, l-ambjent u l-governanza tajba.

Emenda 89

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 51a (ġdid)

12a. Jiżdied l-Artikolu 51a:

Artikolu 51a

Kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw

- 1. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jiġu kkonsultati fil-proċedura tal-Kummissjoni li għandha l-għan li tiddefinixxi l-istandards ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà jekk ikun hemm interess leġittimu li jkun ibbażat fuq il-fatt li l-impriża jew il-ktajjen tal-provvista u tal-valur tagħha joperaw fit-territorju tagħhom.**
- 2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iżidu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw bil-għan li jsaħħu s-sistemi istituzzjonali u ġuridiċi tagħhom biex jimplimentaw u jinfurzaw b'mod effikaċi r-rapportar dwar is-sostenibbiltà korporattiva f'konformità mal-oqfsa u mal-istandards internazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni.**
- 3. Għandu jingħata appoġġ speċjali lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju li joperaw f'setturi tal-attività ekonomika b'riskju għoli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà ta' din id-Direttiva, inkluż fir-rigward tal-ktajjen tal-valur u tal-provvista tal-impriżi.**

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2006/43/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar l-verifika statutorja tal-kontijiet annwali u

Emenda

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar l-verifika statutorja tal-kontijiet annwali u

konsolidati u ***l-assigurazzjoni*** tar-rapportar annwali u konsolidat dwar is-sostenibbiltà, ***fejn*** dan jitwettaq mill-awditur statutorju jew mid-ditta tal-verifika li twettaq il-verifika statutorja tar-rapporti finanzjarji.;

konsolidati u ***l-aċċertament*** tar-rapportar annwali u konsolidat dwar is-sostenibbiltà, ***meta*** dan jitwettaq mill-awditur statutorju jew mid-ditta tal-verifika li twettaq il-verifika statutorja tar-rapporti finanzjarji.;

Emenda 91

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt cc

Test propost mill-Kummissjoni

(cc) standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà;

Emenda

(cc) standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà ***kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 19b tad-Direttiva 2013/34/UE***;

Emenda 92

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 –punt d

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ff

Test propost mill-Kummissjoni

(ff) proċessi ta' diliġenza dovuta fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà;

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Id-diliġenza dovuta għandha tkun koperta mill-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Governanza Korporattiva Sostenibbli li jmiss. Inkella, l-obbligi ta' diliġenza dovuta jkun meħtieġ li jiġu inklużi fir-rapportar qabel ma l-istandards ikunu ċari, li jipprevjenu ċ-ċertezza tad-dritt.

Emenda 93

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 27 – subparagrafu 1a (ġdid)

L-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar li jwettqu awditu statutorju ta' impriża msemmija fl-Artikolu 19a(1) tad-Direttiva 2013/34/UE, jew kwalunkwe membru tan-network li minnu l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar jagħmlu parti, ma għandhomx jagħtu direttament jew indirettament lill-entità awditjata, lill-impriża prinċipali tagħha jew lill-impriżi kkontrollati tagħha fl-Unjoni, l-ebda aċċertament tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà:

(a) fil-perjodu bejn il-bidu tal-perjodu awditjat u l-ħruġ tar-rapport suġġett għall-awditjar;

(b) fis-sena finanzjarja immedjatament qabel il-perjodu msemmi fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Emenda 94

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14 – punt e

Direttiva 2006/43/KE

Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rapport *tal-verifika* għandu jiġi ffirmat u *datat* mill-awditur statutorju. Meta ditta *tal-verifika* twettaq *il-verifika statutorja* u, *fejn* applikabbli, *l-assigurazzjoni* tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, ir-rapport *tal-verifika* għandu jkun iffirmat tal-anqas mill-awditur(i) statutorju/i li jwettqu l-awditu statutorju u *l-assigurazzjoni* tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f'isem id-ditta tal-awditjar. *Fejn ikunu* tqabdbu aktar minn awditur statutorju wieħed jew ditta *tal-verifika* waħda, ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ffirmat mill-awdituri statutorji kollha jew tal-anqas mill-awdituri statutorji li jwettqu *l-verifika statutorja* u *l-assigurazzjoni* tar-rapportar dwar is-

Emenda

Ir-rapport *tal-awditjar* għandu jiġi ffirmat u *ddatat* mill-awditur statutorju *jew mid-ditta tal-awditjar li twettaq l-awditu*. Meta ditta *tal-awditjar* twettaq *l-awditjar statutorju* u, *meta* applikabbli, *l-aċċertament* tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, ir-rapport *tal-awditjar* għandu jkun iffirmat tal-anqas mill-awditur(i) statutorju/i li *jwettaq/jwettqu* l-awditu statutorju u *mill-awditur li wettaq l-aċċertament* tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f'isem id-ditta tal-awditjar. *Meta jkunu* tqabdbu aktar minn awditur statutorju wieħed jew ditta *tal-awditjar* waħda, ir-rapport tal-awditjar għandu jiġi ffirmat mill-awdituri statutorji kollha jew tal-anqas mill-awdituri

sostenibbiltà f'isem kull ditta **tal-verifika**.
F'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Istati Membri jistgħu **jistipulaw** li ma hemmx l-obbligu li t-tali firma/firem jiġu **ddivulgati** lill-pubbliku jekk tali divulgazzjoni tista' twassal għal periklu imminenti u sinifikattiv għas-sigurtà personali ta' kwalunkwe persuna.;

statutorji li jwettqu **l-awditu statutorju** u **l-aċċertament** tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà f'isem kull ditta **tal-awditjar**.
F'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Istati Membri jistgħu **jiddisponu** li ma hemmx l-obbligu li t-tali firma/firem **tiġi/jiġu ddivulgata/i** lill-pubbliku jekk tali divulgazzjoni tista' twassal għal periklu imminenti u sinifikattiv għas-sigurtà personali ta' kwalunkwe persuna.;

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva għandu japplika **mis-sena** finanzjarja li **tibda fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara**.

Emenda

L-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva għandu japplika **għas-snin finanzjarji mhux qabel sena** finanzjarja **sħiħa** li **matulha l-impriżi kellhom l-opportunità li jadattaw għad-dispożizzjonijiet u l-istandards tar-rapportar stabbiliti f'din id-Direttiva u l-atti delegati adottati u ppubblikati li jakkumpanjawha**.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rapportar korporattiv sostenibbli minn ċerti imprezi
Referenzi	COM(2021)0189 – C9-0147/2021 – 2021/0104(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 23.6.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 8.7.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Pierfrancesco Majorino 14.6.2021
Data tal-adozzjoni	28.2.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 14 –: 11 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Eric Andrieu, Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Ryszard Czarnecki, Gianna Gancia, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	María Soraya Rodríguez Ramos, Caroline Roose

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

14	+
S&D	Eric Andrieu, Udo Bullmann, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino
Renew	Barry Andrews, Catherine Chabaud, Charles Goerens, María Soraya Rodríguez Ramos
Verts/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt, Caroline Roose
The Left	Miguel Urbán Crespo
NI	Antoni Comín i Oliveres

11	-
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Janina Ochojska, Christian Sagartz, Tomas Tobé
ID	Gianna Gancia, Bernhard Zimniok
ECR	Ryszard Czarnecki, Beata Kempa

1	0
ID	Dominique Bilde

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni